# DIRETTIVA (UE) 2019/1937 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-23 ta' Ottubru 2019

## dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 50, l-Artikolu 53(1), l-Artikoli 91, 100 u 114, l-Artikolu 168(4), l-Artikolu 169, l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 325(4) tiegħu, u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tat-30 ta' Novembru 2018 tal-Grupp ta' Esperti msemmi fl-Artikolu 31 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Persuni li jaħdmu għal organizzazzjoni pubblika jew privata jew huma f'kuntatt ma' tali organizzazzjoni fil-kuntest tal-attivitajiet relatati max-xogħol tagħhom, huma ta' spiss l-ewwel li jsiru jafu dwar theddid jew ħsara għall-interess pubbliku li sseħħ f'dak il-kuntest. Meta jirrapportaw ksur tal-liġi tal-Unjoni li jkun ta' ħsara għall-interess pubbliku, tali persuni jaġixxu ta' "informaturi" u b'hekk jassumu rwol ewlieni fil-kxif u l-prevenzjoni ta' tali ksur u fis-salvagwardja tal-benessri tas-soċjetà. Madankollu, l-informaturi potenzjali spiss jiġu skoraġġuti milli jirrapportaw it-tħassib jew is-suspetti tagħhom għax jibżgħu minn xi ritaljazzjoni. F'dan il-kuntest, l-importanza li tiġi pprovduta protezzjoni bbilanċjata u effettiva lill-informaturi hija dejjem aktar rikonoxxuta kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak internazzjonali.

(2) Fil-livell tal-Unjoni, ir-rapporti u l-iżvelar pubbliku mill-informaturi huma wieħed mill-komponenti primarji tal-infurzar tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni. Huma jikkontribwixxu informazzjoni għas-sistemi tal-infurzar nazzjonali u tal-Unjoni, li twassal għal kxif, investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni, u b'hekk itejbu t-trasparenza u r-responsabbiltà.

(3) F'ċerti oqsma ta' politika, ksur tal-liġi tal-Unjoni, – irrispettivament minn jekk fil-liġi nazzjonali jkunx ikkategorizzat bħala ksur amministrattiv, kriminali jew tip ieħor ta' ksur, jista' jikkawża ħsara serja għall-interess pubbliku, fis-sens li joħloq riskji sinifikanti għall-benessri tas-soċjetà. Fejn jiġu identifikati nuqqasijiet ta' infurzar f'dawk l-oqsma, u l-informaturi huma normalment f'pożizzjoni privileġġjata biex jiżvelaw ksur, huwa neċessarju li l-infurzar jissaħħaħ bl-introduzzjoni ta' kanali effettivi, kunfidenzjali u siguri ta' rapportar u billi jiġi żgurat li l-informaturi jkunu protetti b'mod effettiv kontra r-ritaljazzjoni.

(4) Il-protezzjoni li attwalment tingħata lill-informaturi fl-Unjoni hija frammentata fl-Istati Membri u hija inugwali minn qasam ta' politika għal ieħor. Il-konsegwenzi tal-ksur tal-liġi tal-Unjoni b'dimensjoni transfruntiera u li jiġi rapportat minn informaturi juru kif protezzjoni insuffiċjenti fi Stat Membru wieħed għandha impatt negattiv fuq il-funzjonament tal-politiki tal-Unjoni mhux biss f'dak l-Istat Membru, iżda wkoll fi Stati Membri oħra u fl-Unjoni kollha kemm hi.

(5) Jenħtieġ li jiġu applikati standards minimi komuni li l-informaturi huma protetti b'mod effettiv fir-rigward ta' atti u oqsma ta' politika fejn hemm bżonn li l-infurzar jissaħħaħ, is-sottorapportar minn informaturi huwa fattur ewlieni li jaffettwa l-infurzar, u ksur tal-liġi tal-Unjoni jista' jirriżulta fi ħsara serja għall-interess pubbliku. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali għal oqsma oħra bil-ħsieb li jiżguraw li jeżisti qafas ta' protezzjoni tal-informatur li huwa komprensiv u koerenti fil-livell nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 405, 9.11.2018, p. 1.

([2]) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 155.

([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2019.

(6) Il-protezzjoni tal-informaturi hija meħtieġa biex jissaħħaħ l-infurzar tal-liġi tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku. Hija meħtieġa, mhux biss il-prevenzjoni u l-iskoperta ta' frodi u korruzzjoni relatati mal-akkwist pubbliku fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, iżda wkoll li jiġi indirizzat l-infurzar insuffiċjenti tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku mill-awtoritajiet kontrattwali nazzjonali u l-entitajiet kuntrattwali fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, il-provvista ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi. Il-ksur ta' tali regoli joħloq distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, iżid l-ispejjeż għan-negozji, jippreġudikaw l-interessi tal-investituri u l-azzjonisti u, b'mod ġenerali, inaqqas l-attrazzjoni għall-investiment u joħloq kondizzjonijiet inekwi għan-negozji kollha fl-Unjoni, u b'hekk jaffettwa l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(7) Fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, il-valur miżjud tal-protezzjoni tal-informaturi diġà kien rikonoxxut mil-leġislatur tal-Unjoni. Wara l-kriżi finanzjarja, li kixfet nuqqasijiet kbar fl-infurzar tar-regoli rilevanti, ġew introdotti miżuri għall-protezzjoni tal-informaturi, inkluż kanali ta' rapportar interni u esterni, kif ukoll projbizzjoni esplicita tar-ritaljazzjoni, f'għadd sinifikanti ta' atti leġislattivi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji kif indikat mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tat-8 ta' Diċembru 2010 intitolata "Rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji". B'mod partikolari, fil-kuntest tal-qafas prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti tal-investiment, id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tipprevedi l-protezzjoni tal-informaturi li tapplika fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(8) Fir-rigward tas-sikurezza ta' prodotti mqiegħda fis-suq intern, negozji involuti fil-katina tal-manifattura u tad-distribuzzjoni huma s-sors primarju ta evidenza, bir-riżultat li r-rapportar mill-informaturi f'tali negozji għandu valur miżjud għoli, peress li huma ħafna eqreb għal informazzjoni dwar prattiki possibbilment inġusti u illegali ta' manifattura, importazzjoni jew distribuzzjoni fir-rigward ta' prodotti mhux sikuri. Għaldaqstant, hemm bżonn li tiġi introdotta protezzjoni tal-informaturi b'rabta mar-rekwiżiti ta' sikurezza applikabbli għal prodotti rregolati mil-leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni kif stabbilita fl-Annessi I u II għar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), u b'rabta mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti kif stabbiliti fid-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]). Il-protezzjoni tal-informaturi kif ipprovduta f'din id-Direttiva hija strumentali wkoll biex tiġi evitata d-devjazzjoni ta' armi tan-nar, tal-partijiet u tal-komponenti u tal-munizzjon tagħhom, kif ukoll ta' prodotti marbutin mad-difiża, billi hija tħeġġeġ ir-rapportar ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni, bħal frodi ta' dokumenti, immarkar mibdul u akkwist frodulenti ta' armi tan-nar fi ħdan l-Unjoni fejn il-ksur spiss jimplika devjazzjoni mis-suq legali għal dak illegali. Il-protezzjoni tal-informaturi kif ipprovduta f'din id-Direttiva tgħin ukoll fil-prevenzjoni tal-manifattura illegali ta' splussivi magħmulin id-dar billi tikkontribwixxi għall-applikazzjoni korretta tar-restrizzjonijiet u l-kontrolli fir-rigward ta' prekursuri tal-isplussivi.

(9) L-importanza tal-protezzjoni tal-informaturi fir-rigward tal-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' ksur tar-regoli tal-Unjoni dwar is-sikurezza tat-trasport li jistgħu jpoġġu l-ħajja tal-bnedmin fil-periklu, diġà ġiet rikonoxxuta f'atti settorjali tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, jiġifieri fir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) u s-sikurezza tat-trasport marittimu, jiġifieri fid-Direttivi 2013/54/UE ([9]) u 2009/16/KE ([10]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jipprovdu miżuri mfassla apposta għall-protezzjoni għall-informaturi kif ukoll kanali ta' rapportar speċifiċi. Dawk l-atti jipprovdu wkoll għall-protezzjoni

([4]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

([7]) Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rapportar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18).

([9]) Id-Direttiva 2013/54/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Novembru 2013, dwar ċerti responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera għall-konformità mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006 u l-infurzar tagħha (ĠU L 329, 10.12.2013, p. 1).

([10]) Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

tal-ħaddiema li jirrapportaw l-iżbalji onesti tagħhom mir-ritaljazzjoni, l-hekk imsejħa "kultura ġusta". Huwa meħtieġ li l-elementi eżistenti tal-protezzjoni tal-informaturi f'dawk iż-żewġ setturi jiġu kkomplementati, kif ukoll li tiġi pprovduta protezzjoni f'mezzi oħra ta' trasport, jiġifieri t-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni, dak bit-triq u dak bil-ferrovija, biex jissaħħaħ l-infurzar ta' standards ta' sikurezza fir-rigward ta' dawk il-mezzi ta' trasport.

(10) Fir-rigward tal-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, il-ġbir ta' evidenza, il-prevenzjoni, il-kxif u l-indirizzar ta' reati ambjentali u mġiba illegali jibqgħu sfida u jenħtieġ li azzjonijiet f'dak ir-rigward jiġu msaħħa, kif rikonoxxut mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Jannar 2018 intitolata "Azzjonijiet tal-UE għat-titjib tal-governanza u l-konformità ambjentali". Peress li qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-uniċi regoli dwar il-protezzjoni tal-informaturi eżistenti kienu relatati mal-protezzjoni tal-ambjent huma previsti f'att settorjali wieħed, jiġifieri d-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), l-introduzzjoni ta' tali protezzjoni hija meħtieġa biex ikun żgurat infurzar effettiv tal-acquis tal-Unjoni dwar l-ambjent, li l-ksur tiegħu jista' jikkawża ħsara għall-interess pubbliku b'impatti kollaterali potenzjali lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. L-introduzzjoni ta' tali protezzjoni hija rilevanti wkoll f'każijiet fejn prodotti mhux sikuri jistgħu jikkawżaw ħsara ambjentali.

(11) It-tisħiħ tal-protezzjoni tal-informaturi jikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni u l-iskoraġġiment tal-ksur tar-regoli tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika dwar is-sikurezza nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u l-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv. Barra minn hekk, dan isaħħaħ ukoll l-infurzar tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom ([12]) dwar il-promozzjoni u t-titjib tal-kultura effettiva fil-qasam tas-sikurezza nukleari u, b'mod partikulari, il-punt (a) tal-Artikolu 8b(2) ta' dik id-Direttiva, li jitlob, fost l-oħrajn, li l-awtorità regolatorja kompetenti tistabbilixxi sistemi ta' ġestjoni li jagħtu l-prijorità dovuta lis-sikurezza nukleari u li jippromwovu, fil-livelli kollha tal-persunal u tal-maniġment, il-kapaċità li wieħed jirrifletti dwar jekk hux qed jiġu applikati b'mod effettiv il-prinċipji u l-prattiki rilevanti tas-sikurezza u li jirrapportaw fil-ħin dwar kwistjonijiet ta' sikurezza jsir.

(12) L-introduzzjoni ta' qafas dwar il-protezzjoni tal-informaturi tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-infurzar ta' dispożizzjonijiet eżistenti u għall-prevenzjoni ta' ksur ta' regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-katina alimentari u, b'mod partikolari, dwar is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, kif ukoll dwar is-saħħa, il-protezzjoni u l-benessri tal-annimali. Ir-regoli differenti tal-Unjoni stabbiliti f'dawk l-oqsma huma interkonnessi mill-qrib. Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]) jistipula l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti li huma l-bażi tal-miżuri kollha tal-Unjoni u dawk nazzjonali marbutin mal-ikel u l-għalf, b'fokus partikolari fuq is-sikurezza tal-ikel, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-interessi tal-konsumaturi b'rabta mal-ikel, kif ukoll il-funzjonament effettiv tas-suq intern. Dak ir-Regolament jipprevedi, *inter alia*, li l-operaturi tan-negozji tal-ikel u l-għalf ma jitħallewx jiskoraġġixxu lill-impjegati tagħhom u lil persuni oħra milli jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti fejn tali kooperazzjoni tista' tipprevjeni, tnaqqas jew telimina riskju ġej mill-ikel. Il-leġislatur tal-Unjoni ħa approċċ simili fil-qasam tas-saħħa tal-annimali permezz tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) li jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trasmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin u fil-qasam tal-protezzjoni u l-benesseri ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja, ta' annimali użati għal finijiet xjentifiċi, ta' annimali matul it-trasport u ta' annimali waqt il-qatla, permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE ([15]) u d-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]), kif ukoll ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 ([17]) u (KE) Nru 1099/2009 ([18]), rispettivament.

---

([11]) Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013, dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66).

([12]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18).

([13]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([14]) Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([15]) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23).

([16]) Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

([17]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

([18]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1).

(13) Ir-rapportar ta' ksur minn informaturi jistgħu jkunu kruċjali għall-kxif u l-prevenzjoni, it-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' riskji għas-saħħa pubblika u għall-protezzjoni tal-konsumaturi li jirriżultaw minn ksur tar-regoli tal-Unjoni, li inkella jista' jibqa' moħbi. B'mod partikolari, il-protezzjoni tal-konsumatur hija marbuta ħafna wkoll ma' każijiet fejn prodotti mhux sikuri jistgħu jikkawżaw ħsara konsiderevoli lill-konsumaturi.

(14) Ir-rispett għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, li huma stabbiliti bħala drittijiet fundamentali fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), huma oqsms oħra li fihom l-informaturi jistgħu jgħinu sabiex jiġi żvelat ksur, li jista' jkun ta' ħsara għall-interess pubbliku. L-informaturi jisthu wkoll jgħinu sabiex jiġi żvelat ksur tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([19]) dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi ta' informazzjoni, li tintroduċi r-rekwiżit li tiġi pprovduta notifika ta' inċidenti, inkluż dawk li ma jikkompromettux id-data personali u r-rekwiżiti tas-sigurtà għal entitajiet li jipprovdu servizzi essenzjali bejn ħafna setturi pereżempju tal-enerġija, is-saħħa, it-trasport u dak bankarju għal fornituri ta' servizzi diġitali ewlenin pereżempju servizzi tal-cloud computing u għal fornituri ta' servizzi bażiċi, bħall-ilma, l-elettriku u l-gass. Ir-rapportar tal-informaturi f'dan il-qasam huwa partikolarment siewi għall-prevenzjoni ta' inċidenti ta' sigurtà li jaffettwaw attivitajiet ekonomiċi u soċjali ewlenin u servizzi diġitali użati b'mod wiesa', kif ukoll għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe ksur tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data. Tali rapportar jgħin biex jiżgura l-kontinwità ta' servizzi li huma essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern u għall-benessri tas-soċjetà.

(15) Barra minn hekk, il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li hija marbuta mal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-infiq tal-Unjoni, il-ġbir ta' dħul u fondi tal-Unjoni jew assi tal-Unjoni, hija qasam ewlieni li fih il-liġi tal-Unjoni jenħtieġ li tissaħħaħ. It-tisħiħ tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni huwa rilevanti wkoll għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni fir-rigward ta' nfiq li jsir abbażi tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-Trattat tal-Euratom). Nuqqas ta' infurzar effettiv fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż fir-rigward il-prevenzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni fil-livell nazzjonali, iwassal għal nuqqas ta' dħul tal-Unjoni u użu ħażin ta' fondi tal-Unjoni, li jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-investimenti pubbliċi, ifixxklu t-tkabbir u jnaqqsu l-fiduċja taċ-ċittadini fl-azzjoni tal-Unjoni. L-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha biex jiġġieldu kontra l-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Miżuri tal-Unjoni li huma rilevanti f'dan ir-rigward jinkludu, b'mod partikolari, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([20]), u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]). Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 huwa kkomplementat, għat-tipi l-aktar serji ta' imġiba relatata ma' frodi, mid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([22]) u mill-Konvenzjoni mfassla abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej tas-26 ta' Lulju 1995 ([23]), inkluż il-Protokolli tagħha tas-27 ta' Settembru 1996 ([24]), tad-29 ta' Novembru 1996 ([25]) u tad-19 ta' Ġunju 1997 ([26]). Dik il-Konvenzjoni u dawk il-Protokolli jibqgħu fis-seħħ għall-Istati Membri li mhumiex marbutin bid-Direttiva (UE) 2017/1371.

(16) Jenħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti standards minimi komuni għall-protezzjoni tal-informaturi għal ksur relatat mas-suq intern kif imsemmi fl-Artikolu 26(2) TFUE. Barra minn hekk, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-"Qorti"), il-miżuri tal-Unjoni li għandhom l-għan li jistabbilixxu jew jiżguraw il-funzjonament tas-suq intern huma maħsubin biex jikkontribwixxu għat-tneħħija tal-ostakli eżistenti jew emerġenti għall-moviment liberu ta' oġġetti jew għal-libertà tal-provvista ta' servizzi u li jikkontribwixxu għat-tneħħija ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

(17) B'mod speċifiku, il-protezzjoni tal-informaturi biex jissaħħaħ l-infurzar tal-liġi tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni, inkluż dwar l-għajnuna mill-Istat, isservi biex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament effiċjenti tas-swieq fl-Unjoni, tippermetti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għan-negozji u twassal benefiċċji għall-konsumaturi. Rigward ir-regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għall-impriżi, l-importanza ta' rapportar intern biex jinkixef

([19]) Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

([20]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

([21]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

([22]) Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

([23]) ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.

([24]) ĠU C 313, 23.10.1996, p. 2.

([25]) ĠU C 151, 20.5.1997, p. 2.

([26]) ĠU C 221, 19.7.1997, p. 2.

ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, diġà ġiet rikonoxxuta fil-politika ta' klemenza segwita mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 4a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 ([27]) kif ukoll bl-introduzzjoni reċenti mill-Kummissjoni ta' għodda għall-informaturi anonima. Ksur relatat mal-liġi tal-kompetizzjoni u mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jikkonċerna l-Artikoli 101, 102, 106, 107 u 108 TFUE u regoli ta' leġislazzjoni sekondarja adottati għall-applikazzjoni tagħhom.

(18) Ksur tal-liġi tat-taxxa korporattiva u l-arranġamenti li l-għan tagħhom huwa li jinkiseb vantaġġ tat-taxxa u li jiġu evitati obbligi legali, b'tali mod li jxejnu l-objettiv jew l-iskop tal-liġi tat-taxxa korporattiva applikabbli, jaffettwaw b'mod negattiv il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Tali ksur u arranġamenti jistgħu jwasslu għal kompetizzjoni inġusta tat-taxxa u evażjoni estensiva tat-taxxa, joħolqu distorsjoni tal-kondizzjonijiet ekwi għan-negozji u jirriżultaw f'telf ta' dħul mit-taxxa għall-Istati Membri u għall-baġit tal-Unjoni b'mod ġenerali. Din id-Direttiva jenħtieġ li tipprevedi protezzjoni mir-ritaljazzjoni għal persuni li jirrapportaw arranġamenti evażivi u/jew abbużivi li jistgħu b'mod ieħor jibqgħu moħbija, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti biex jissalvagwardjaw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u biex jitneħħew id-distorsjonijiet u l-ostakli għall-kummerċ li jaffettwaw il-kompetittività tan-negozji fis-suq intern u li huma marbutin direttament mar-regoli tal-moviment liberu u huma rilevanti wkoll għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-protezzjoni tal-informaturi kif provduta f'din id-Direttiva tikkomplementa l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni mmirati lejn it-titjib tat-trasparenza u l-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni, u li joħolqu ambjent aktar ġust tat-taxxa korporattiva fl-Unjoni, bil-ħsieb li tiżdied l-effettività tal-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' arranġamenti evażivi u/jew abbużivi, u tgħin biex jiġu skoraġġuti tali arranġamenti. Madankollu, din id-Direttiva ma tarmonizzax id-dispożizzjonijiet relatati mat-taxxi, kemm dawk sostantivi kif ukoll dawk proċedurali, u ma tfittix li ssaħħaħ l-infurzar tar-regoli nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jużaw informazzjoni rrapportata għal dak il-għan.

(19) Il-punt (a) tal-Artikolu 2(1) jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' din id-Direttiva permezz ta' referenza għal lista ta' atti tal-Unjoni stabbilita fl-Anness. Dan jimplika li fejn dawk l-atti tal-Unjoni, min-naħa tagħhom, jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni materjali tagħhom b'referenza għall-atti tal-Unjoni elenkati fl-annessi tagħhom, dawk l-atti tal-aħħar jifformaw parti wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-referenza għall-atti fl-Anness tinftiehem bħala li tinkludi l-miżuri nazzjonali u tal-Unjoni kollha ta' implimentazzjoni jew delegati adottati skont dawk l-atti. Barra minn hekk, ir-referenza għall-atti tal-Unjoni fl-Anness għandha tinftiehem bħala referenza dinamika, f'konformità mas-sistema ta' referenzi standard għal atti legali tal-Unjoni. B'hekk, jekk att tal-Unjoni fl-Anness ġie emendat jew ser jiġi emendat, ir-referenza tkun relatata mal-att kif emendat; jekk att tal-Unjoni fl-Anness ġie sostitwit jew ser jiġi sostitwit, ir-referenza tkun relatata mal-att il-ġdid.

(20) Ċerti atti tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, bħar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]), u d-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2392 ([29]), adottata abbażi ta' dak ir-Regolament, diġà fihom regoli dettaljati dwar il-protezzjoni tal-informaturi. Kwalunkwe regola speċifika f'dak ir-rigward ipprovduta f'tali leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni, inkluż l-atti tal-Unjoni elenkati fil-Parti II tal-Anness ta' din id-Direttiva, li huma mfassla apposta għas-setturi rilevanti, jenħtieġ li tinżamm. Dan huwa partikolarment importanti sabiex ikun żgurat liema entitajiet ġuridiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu huma attwalment obbligati jistabbilixxu kanali ta' rapportar interni. Fl-istess ħin, sabiex jiġu żgurati konsistenza u ċertezza legali fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li din id-Direttiva tkun applikabbli fir-rigward tal-materji kollha li mhumiex irregolati taħt l-atti speċifiċi għas-settur, u b'hekk jenħtieġ li jikkomplementaw tali atti sabiex ikunu kompletament allinjati mal-istandards minimi. B'mod partikolari, jenħtieġ li din id-Direttiva tipprovdi dettalji ulterjuri dwar it-tfassil tal-kanali ta' rapportar interni u esterni, l-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti, u l-forom speċifiċi ta' protezzjoni li jenħtieġ li jiġu previsti fil-livell nazzjonali kontra r-ritaljazzjoni. F'dak ir-rigward, l-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([30]) jipprovdi li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevedu kanal ta' rapportar intern fil-qasam kopert minn dak ir-Regolament. Għal raġunijiet ta' konsistenza mal-istandards minimi stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-obbligu li jiġu stabbiliti kanali ta' rapportar interni, previst f'din id-Direttiva, japplika wkoll fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014.

---

([27]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18).

([28]) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

([29]) Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2392 tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam ma' rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti ta' ksur attwali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament (ĠU L 332, 18.12.2015, p. 126).

([30]) Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1).

(21) Jenħtieġ li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema meta jirrapportaw ksur tal-liġi tal-Unjoni dwar l-impjiegi. B'mod partikolari, fil-qasam tas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, l-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE ([31]) diġà jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema ma jiġux żvantaġġati minħabba t-talbiet jew il-proposti li huma jagħmlu lill-impjegaturi biex jieħdu miżuri xierqa sabiex inaqqsu l-perikli għall-ħaddiema u/jew sabiex ineħħu sorsi ta' periklu. Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom huma intitolati, taħt dik id-Direttiva, li jqajmu kwistjonijiet mal-awtorità kompetenti jekk jikkunsidraw li l-miżuri meħuda u l-mezzi użati, mill-impjegatur ma jkunux adatti għall-għanijiet li jkunu żgurati s-sikurezza u saħħa.

(22) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jipprevedu li rapporti dwar ilmenti interpersonali li jaffettwaw esklużivament lill-persuna li tirrapporta, jiġifieri ilmenti dwar konflitti interpersonali bejn il-persuna li tirrapporta u ħaddiem ieħor, jistgħu jiġu kkomunikati permezz ta' proċeduri oħra.

(23) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni mogħtija mill-proċeduri għar-rapportar ta' attivitajiet illegali possibbli, inkluż frodi jew korruzzjoni, li huma ta' detriment għall-interessi tal-Unjoni, jew għal rapportar ta' imġiba relatata mal-qadi ta' dmirijiet professjonali, li jistgħu jikkostitwixxu nuqqas serju ta' konformità mal-obbligi tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea stabbiliti skont l-Artikoli 22a, 22b u 22c tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([32]). Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika fejn uffiċjali u ħaddiema oħra tal-Unjoni jirrapportaw ksur li jseħħ f'kuntest relatat max-xogħol barra mir-relazzjoni tal-impjieg tagħhom mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni.

(24) Is-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal rapporti ta' ksur relatat ma' akkwist li jinvolvi aspetti ta' difiża jew sigurtà fejn dawk huma koperti mill-Artikolu 346 TFUE, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti. Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jestendu l-protezzjoni prevista taħt din id-Direttiva għal oqsma jew atti oħra, li mhumiex fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni materjali tagħha, jenħtieġ li jkun possibbli għalihom li jadottaw dispożizzjonijiet speċifiċi biex jipproteġu interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali f'dak ir-rigward.

(25) Jenħtieġ ukoll li din id-Direttiva tkun mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata li l-liġi tal-Unjoni jew il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istati Membri kkonċernati jeħtieġu, għal raġunijiet ta' sigurtà, li tkun protetta minn aċċess mhux awtorizzat. Barra minn hekk, jenħtieġ li din id-Direttiva ma jaffettwawx l-obbligi li jirriżultaw mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE ([33]) jew mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 ([34]).

(26) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom ("privileġġ professjonali legali") kif previst fil-liġi nazzjonali u, fejn applikabbli, fil-liġi tal-Unjoni, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti. Barra minn hekk, jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax l-obbligu li tinżamm in-natura kunfidenzjali tal-komunikazzjonijiet tal-fornituri ta' kura tas-saħħa, inkluż terapisti, mal-pazjenti tagħhom u tar-rekords tal-pazjenti ("privatezza medika") kif previst fil-liġi nazzjonali u tal-Unjoni.

(27) Il-membri ta' professjonijiet minbarra avukati u fornituri ta' kura tas-saħħa jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal protezzjoni skont din id-Direttiva meta jirrapportaw informazzjoni protetta mir-regoli professjonali applikabbli, dment li r-rapportar ta' dik l-informazzjoni jkun neċessarju biex jiġi żvelat ksur li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(28) Filwaqt li din id-Direttiva, taħt ċerti kondizzjonijiet, jenħtieġ li tipprevedi eżenzjoni limitata mir-responsabbiltà, inkluż minn responsabbiltà kriminali, fl-eventwalità ta' ksur ta' kunfidenzjalità, hija jenħtieġ li ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar proċedura kriminali, b'mod partikolari dawk li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw l-integrità tal-investigazzjonijiet u l-proċedimenti jew id-drittijiet tad-difiża tal-persuni kkonċernati. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-introduzzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni f'tipi oħra ta' liġijiet proċedurali nazzjonali, b'mod partikolari, l-inverżjoni tal-oneru tal-provi fi proċedimenti nazzjonali amministrattivi, ċivili jew dwar ix-xogħol.

(29) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tar-rappreżentanti tal-impjegati għal informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni f'negozjar kollettiv u d-difiża tagħhom tad-drittijiet tax-xogħol tal-ħaddiema. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għal-livell ta' protezzjoni mogħti taħt din id-Direttiva.

---

([31]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

([32]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

([33]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).

([34]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

(30) Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal każijiet li fihom persuni li, taw il-kunsens informat tagħhom, ikunu ġew identifikati bħala informaturi jew irreġistrati bħala tali f'bażijiet ta' data ġestiti minn awtoritajiet maħtura f'livell nazzjonali, bħal awtoritajiet tad-dwana, u jirrapportaw ksur lill-awtoritajiet tal-infurzar, bi tpattija għal gwadann jew kumpens. Tali rapporti jitwettqu skont proċeduri speċifiċi li għandhom l-għan li jiggarantixxu l-anonimità ta' tali persuni sabiex tiġi protetta l-integrità fiżika tagħhom, u li huma distinti mill-kanali ta' rapportar previsti f'din id-Direttiva.

(31) Persuni li jirrapportaw informazzjoni dwar theddid jew ħsara għall-interess pubbliku miksuba fil-kuntest tal-attivitajiet relatati max-xogħol tagħhom, jagħmlu użu mid-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni. Id-dritt għal-libertà ta' espressjoni u l-informazzjoni, stabbilit fl-Artikolu 11 tal-Karta u fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, jinkludi d-dritt li wieħed jirċievi u jikkondividi informazzjoni kif ukoll il-libertà u l-pluraliżmu tal-media. Għaldaqstant, din id-Direttiva tislet mill-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) dwar id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, u l-prinċipji żviluppati fuq din il-bażi mill-Kunsill tal-Ewropa fir-Rakkomandazzjoni tiegħu dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi adottata mill-Kumitat tal-Ministri tiegħu fit-30 ta' April 2014.

(32) Sabiex igawdu mill-protezzjoni taħt din id-Direttiva, jenħtieġ li l-persuni li jirrapportaw ikollhom raġunijiet ġustifikati biex jemmnu, fid-dawl taċ-ċirkostanzi u l-informazzjoni disponibbli għalihom fil-ħin tar-rapportar, li l-kwistjonijiet irrapportati minnhom huma veri. Dak ir-rekwiżit jikkostitwixxi salvagwardja essenzjali kontra rapporti malizzjużi, frivoli jew abbużivi, billi tiżgura li persuni li, fil-ħin tar-rapportar irrapportaw informazzjoni ħażina jew qarrieqa apposta u konxjament ma jgawdux minn protezzjoni. Fl-istess waqt, ir-rekwiżit jiżgura li l-protezzjoni ma tintilifx meta l-persuna li tirrapporta tkun irrapportat informazzjoni mhux preċiża dwar ksur bi żball onest. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-persuni li jirrapportaw ikunu intitolati għal protezzjoni skont din id-Direttiva jekk ikollhom raġunijiet ġustifikati biex jemmnu li l-informazzjoni rrapportata taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Jenħtieġ li l-motivi tal-persuni li jirrapportaw fir-rapportar ikunu irrelevanti fid-deċiżjoni dwar jekk għandhomx jirċievu protezzjoni.

(33) Il-persuni li jirrapportaw normalment ikunu aktar komdi li jirrapportaw internament, dment li ma jkollhomx raġunijiet biex jirrapportaw esternament. Studji empiriċi juru li hemm tendenza li l-maġġoranza tal-informaturi jirrapportaw internament, fi ħdan l-organizzazzjoni fejn jaħdmu. Ir-rapportar intern huwa wkoll l-aħjar mod biex titwassal informazzjoni lill-persuni li jistgħu jikkontribwixxu għar-riżoluzzjoni bikrija u effettiva ta' riskji għall-interess pubbliku. Fl-istess waqt, jenħtieġ li l-persuna li tirrapporta tkun tista' tagħżel l-aktar kanal ta' rapportar xieraq skont iċ-ċirkostanzi individwali tal-każ. Barra minn hekk, huwa neċessarju li l-iżvelar pubbliku jkun protett, b'kont meħud ta' prinċipji demokratiċi bħat-trasparenza u r-responsabbiltà, u ta' drittijiet fundamentali bħal-libertà tal-espressjoni u l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, filwaqt li jkun hemm bilanċ bejn l-interess tal-impjegaturi li jimmaniġġjaw l-organizzazzjonijiet tagħhom u jipproteġu l-interessi tagħhom, min-naħa waħda, u l-interess tal-pubbliku li jkun protett minn ħsara, min-naħa l-oħra, f'konformità mal-kriterji żviluppati fil-ġurisprudenza tal-QEDB.

(34) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi eżistenti biex jiġi previst rapportar anonimu bis-saħħa tal-liġi tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jiddeċiedu jekk entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku u l-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa jaċċettaw u jagħtu segwitu għal rapporti anonimi ta' ksur li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Madankollu, persuni li b'mod anonimu rrapportaw jew li żvelaw pubblikament u b'mod anonimu informazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tagħha jenħtieġ li jgawdu mill-protezzjoni skont din id-Direttiva jekk jiġu sussegwentement identifikati u jsofru ritaljazzjoni.

(35) Jenħtieġ li din id-Direttiva tipprovdi għall-protezzjoni li tingħata f'każijiet fejn persuni jirrapportaw, skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni, lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni, pereżempju fil-kuntest ta' frodi fir-rigward tal-baġit tal-Unjoni.

(36) Il-persuni jeħtieġu protezzjoni legali speċifika meta jakkwistaw l-informazzjoni li jirrapportaw permezz tal-attivitajiet relatati max-xogħol tagħhom u għalhekk ikunu f'riskju ta' ritaljazzjoni relatata max-xogħol pereżempju, għall-ksur tad-dmir ta' kunfidenzjalità jew lealtà. Ir-raġuni sottostanti għall-għoti ta' protezzjoni lil tali persuni hija l-pożizzjoni tagħhom ta' vulnerabbiltà ekonomika fil-konfront tal-persuna li huma *de facto* jiddependu fuqha għax-xogħol. Fejn ma hemmx tali żbilanċ ta' setgħa relatat max-xogħol pereżempju fil-każ ta' ilmentaturi ordinarji jew ċittadini osservaturi, ma hemmx ħtieġa għal protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni.

(37) L-infurzar effettiv tal-liġi tal-Unjoni jirrikjedi li l-protezzjoni jenħtieġ li tingħata lill-firxa l-aktar wiesgħa possibbli ta' kategoriji ta' persuni, li, irrispettivament minn jekk humiex ċittadini tal-Unjoni jew ċittadini ta' pajjiż terz, minħabba attivitajiet relatati max-xogħol tagħhom irrispettivament min-natura ta' dawk l-attivitajiet, u minn jekk dawn humiex imħallsa jew le, għandhom aċċess privileġġjat għal informazzjoni dwar ksur li jkun fl-interess tal-pubbliku li jiġi irrapportat u li jistgħu jsofru minn ritaljazzjoni jekk jirrapportawh. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-ħtieġa għall-protezzjoni tkun iddeterminata b'referenza għaċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u mhux biss b'referenza għan-natura tar-relazzjoni, sabiex tkun koperta l-firxa sħiħa ta' persuni konnessi f'sens wiesa' mal-organizzazzjoni fejn seħħ il-ksur.

(38) Jenħtieġ li, l-ewwel nett, il-protezzjoni tapplika għall-persuni li għandhom l-istatus ta' "ħaddiem", skont it-tifsira tal-Artikolu 45(1) TFUE, kif interpretata mill-Qorti, jiġifieri persuni li, għal ċertu perjodu ta' ħin, iwettqu servizzi għal u taħt id-direzzjoni ta' persuna oħra, li għalihom jirċievu remunerazzjoni. Jenħtieġ, għalhekk, li l-protezzjoni tingħata wkoll lil ħaddiema f'relazzjonijiet ta' impjieg mhux standard, inklużi l-ħaddiema part-time u l-ħaddiema b'kuntratt definit, kif ukoll lil persuni b'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg ma' aġenzija temporanja, li huma tipi ta' relazzjonijiet prekarji fejn ta' spiss ikun diffiċli li jiġu applikati forom standard ta' protezzjoni kontra trattament inġust. Il-kunċett ta' "ħaddiem" jinkludi wkoll lill-impjegati taċ-ċivil, lill-impjegati tas-servizz pubbliku, kif ukoll kwalunkwe persuna oħra li taħdem fis-settur pubbliku.

(39) Jenħtieġ li l-protezzjoni testendi wkoll għal kategoriji ta' persuni fiżiċi, li, għalkemm ma jkunux "ħaddiema" skont it-tifsira tal-Artikolu 45(1) TFUE, jista' jkollhom rwol ewlieni fil-kxif ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni u jistgħu jsibu lilhom infushom f'pożizzjoni ta' vulnerabbiltà ekonomika fil-kuntest tal-attivitajiet relatati max-xogħol tagħhom. Pereżempju, fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti, il-fornituri huma ħafna eqreb għas-sors ta' informazzjoni dwar prattiki potenzjalment inġusti u illegali ta' manifattura, importazzjoni jew distribuzzjoni li jirrigwardaw prodotti mhux sikuri; u fir-rigward tal-konsulenti li jipprovdu s-servizzi tagħhom huma f'pożizzjoni privileġġjata biex jiġbdu l-attenzjoni għal ksur li jaraw fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni. Dawn il-kategoriji ta' persuni, li jinkludu persuni li jaħdmu għal rashom li jipprovdu servizzi, ħaddiema freelance, kuntratturi, sottokuntratturi u fornituri, huma tipikament soġġetti għal ritaljazzjoni, li tista' tkun forma ta', pereżempju, terminazzjoni bikrija jew kanċellazzjoni ta' kuntratt għal servizzi, ta' liċenzja jew ta' permess, telf ta' negozju, telf ta' qligħ, koerċizzjoni, intimidazzjoni jew fastidju, tniżżil fuq lista sewda jew ibbojkottjar ta' negozju jew ħsara għar-reputazzjoni tagħhom. L-azzjonisti u l-persuni f'korpi maniġerjali wkoll jistgħu jsofru ritaljazzjoni, pereżempju f'termini finanzjarji jew fil-forma ta' intimidazzjoni jew fastidju, tniżżil fuq lista sewda jew ħsara għar-reputazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-protezzjoni tingħata wkoll lil persuni li r-relazzjoni tax-xogħol tagħhom tkun intemmet, u lil kandidati għal impjieg jew persuni li jfittxu li jipprovdu servizzi lil organizzazzjoni, li jakkwistaw informazzjoni dwar ksur matul il-proċess ta' reklutaġġ jew f'xi stadju ieħor tan-negozjati prekuntrattwali, u li jistgħu jsofru ritaljazzjoni, pereżempju fil-forma ta' referenzi ta' impjieg negattivi, tniżżil fuq lista sewda jew bojkott tan-negozju.

(40) Il-protezzjoni effettiva tal-informaturi timplika l-protezzjoni wkoll ta' kategoriji ta' persuni li, filwaqt li ma jiddependux ekonomikament mill-attivitajiet relatati max-xogħol tagħhom, xorta jistgħu jsofru ritaljazzjoni minħabba r-rapportar ta' dwar ksur. Ir-ritaljazzjoni kontra voluntieri u apprendisti mħallsin jew mhux imħallsin tista' tieħu l-forma ta' nuqqas ta' użu tas-servizzi tagħhom, jew tal-għoti ta' referenza negattiva għal impjieg jew b'xi tip ieħor ta' dannu għar-reputazzjoni jew għall-prospetti tal-karriera tagħhom.

(41) Jenħtieġ li tingħata protezzjoni minn miżuri ta' ritaljazzjoni meħudin mhux biss direttament fir-rigward tal-persuni li jirrapportaw infushom, iżda wkoll minn dawk li jistgħu jittieħdu indirettament, inkluż fir-rigward ta' faċilitaturi, kollegi jew qraba tal-persuna li tirrapporta li għandhom ukoll konnessjoni ta' xogħol mal-impjegatur tal-persuna li tirrapporta jew konsumatur jew reċipjent ta' servizzi. Mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni li r-rappreżentanti ta' trade unions jew ir-rappreżentanti tal-impjegati jgawdu fil-kapaċità tagħhom bħala tali rappreżentanti skont regoli oħra tal-Unjoni jew nazzjonali, jenħtieġ li dawn igawdu mill-protezzjoni prevista f'din id-Direttiva kemm meta jirrapportaw fil-kapaċità tagħhom bħala ħaddiema kif ukoll meta jagħtu pariri u appoġġ lil persuna li tirrapporta. Ir-ritaljazzjoni indiretta tinkludi wkoll azzjonijiet meħudin kontra l-entità ġuridika li l-persuna li tirrapporta tkun tipposjedi, tkun taħdem għaliha jew tkun b'xi mod ieħor konnessa magħha f'kuntest relatat max-xogħol, bħal ċaħda tal-provvista ta' servizzi, tniżżil fuq lista sewda jew bojkott tan-negozju.

(42) Il-kxif u l-prevenzjoni effettivi ta' ħsara serja għall-interess pubbliku jirrikjedu li l-kunċett ta' ksur jinkludi wkoll prattiki abbużivi, kif definit mill-ġurisprudenza tal-Qorti, b'mod partikolari atti jew ommissjonijiet li ma jidhrux li huma illegali f'termini formali iżda jtellfu l-objettiv jew l-iskop tal-liġi.

(43) Prevenzjoni effettiva ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni tirrikjedi li tingħata protezzjoni lil persuni li jipprovdu informazzjoni neċessarja biex jiġi żvelat ksur li diġà seħħ, ksur li għadu ma seħħx, iżda li wisq probabbli ser iseħħ, atti jew ommissjonijiet li dwarhom hemm raġunijiet ġustifikati biex il-persuna li tirrapporta tqis bħala ksur, kif ukoll tentattivi biex il-ksur jinħeba. Għall-istess raġunijiet, il-protezzjoni hija ġġustifikata wkoll għall-persuni li ma jipprovdux evidenza pożittiva iżda jqajmu tħassib jew suspetti raġonevoli. Fl-istess waqt, jenħtieġ li l-protezzjoni ma tapplikax għal persuni li jirrapportaw informazzjoni li diġà hija kompletament disponibbli fid-dominju pubbliku jew qlajjiet u għajdut mhux sostanzjati.

(44) Jenħtieġ li jkun hemm rabta mill-qrib bejn rapportar u t-trattament negattiv esperjenzat, direttament jew indirettament, mill-persuna li qed tirrapporta, biex dak it-trattament avvers jiġi kkunsidrat li huwa ritaljazzjoni u konsegwentement biex il-persuna li tirrapporta tkun tista' tgawdi minn protezzjoni legali f'dak ir-rigward. Il-protezzjoni effettiva tal-persuni li jirrapportaw bħala mezz biex jissaħħaħ l-infurzar tal-liġi tal-Unjoni tirrikjedi definizzjoni wiesgħa tar-ritaljazzjoni, li tinkludi kwalunkwe att jew ommissjoni li jseħħu f'kuntest relatat max-xogħol u li jikkawżalhom detriment. Jenħtieġ li din id-Direttiva, madankollu, ma timpedixxix lill-impjegaturi milli jieħdu deċiżjonjiet relatati mal-impjieg li mhumiex iddeterminati mir-rapportar jew l-iżvelar pubbliku.

(45) Jenħtieġ li l-protezzjoni mir-ritaljazzjoni bħala mezz li jissalvagwardja l-libertà tal-espressjoni u l-libertà u l-pluraliżmu tal-media tkun ipprovduta kemm għal persuni li jirrapportaw informazzjoni dwar atti jew ommissjonijiet fi ħdan organizzazzjoni ("rapportar intern") jew lil awtorità esterna ("rapportar estern") kif ukoll għal persuni li jagħmlu disponibbli tali informazzjoni lid-dominju pubbliku, pereżempju, direttament lill-pubbliku permezz ta' pjattaformi online jew media soċjali, jew lill-media, uffiċjali eletti, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, trade unions, jew organizzazzjonijiet professjonali u tan-negozju.

(46) L-informaturi huma, b'mod partikolari, sorsi importanti għall-ġurnalisti investigattivi. L-għoti ta' protezzjoni effettiva lill-informaturi mir-ritaljazzjoni żżid iċ-ċertezza legali għal informaturi potenzjali u għalhekk jinkoraġġixxi l-iżvelar anke permezz tal-media. F'dan ir-rigward, il-protezzjoni tal-informaturi bħala sorsi ġurnalistiċi hija kruċjali għas-salvagwardja tar-rwol ta' "għassies" tal-ġurnaliżmu investigattiv f'soċjetajiet demokratiċi.

(47) Għall-kxif u l-prevenzjoni effettivi ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni, huwa essenzjali li l-informazzjoni rilevanti tasal malajr għand dawk l-eqreb lejn is-sors tal-problema, l-aktar li huma kapaċi jinvestigaw u bis-setgħat għal soluzzjoni, fejn huwa possibbli. Għaldaqstant, bħala prinċipju, jenħtieġ li l-persuni li jirrapportaw jiġu mħeġġa biex l-ewwel jużaw kanali ta' rapportar interni u jirrapportaw lill-impjegatur tagħhom, jekk tali kanali jkunu disponibbli għalihom u jistgħu raġonevolment ikunu mistennija li jaħdmu. Dak huwa l-każ, b'mod partikolari, fejn il-persuni li jirrapportaw jemmnu li l-ksur jista' jiġi indirizzat b'mod effettiv fi ħdan l-organizzazzjoni rilevanti, u li m'hemm l-ebda riskju ta' ritaljazzjoni. Konsegwentement, entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku jenħtieġ li jistabbilixxu proċeduri interni xierqa sabiex jirċievu u jagħtu segwitu għar-rapporti. Tali inkoraġġiment jirrigwarda wkoll każijiet fejn tali kanali ġew stabbiliti mingħajr ma kien meħtieġ mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Dan il-prinċipju jenħtieġ li jgħin biex titrawwem kultura ta' komunikazzjoni tajba u ta' responsabbiltà soċjali korporattiva fl-organizzazzjonijiet, u b'hekk il-persuni li jirrapportaw jitqiesu bħala li qed jagħtu kontribut importanti għall-awto korrezzjoni u l-eċċellenza fi ħdan l-organizzazzjoni.

(48) Fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi fis-settur privat, l-obbligu li jiġu stabbiliti kanali ta' rapportar interni jenħtieġ li jkun proporzjonat mad-daqs tagħhom u mal-livell ta' riskju li l-attivitajiet tagħhom jimponu fuq l-interess pubbliku. L-intrapriżi kollha li jkollhom 50 ħaddiem jew aktar jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-obbligu li jistabbilixxu kanali ta' rapportar interni, irrispettivament min-natura tal-attivitajiet tagħhom, abbażi tal-obbligu tagħhom li jiġbru l-VAT. Wara valutazzjoni xierqa tar-riskju, l-Istati Membri jistgħu wkoll jirrikjedu li intrapriżi oħra jistabbilixxu kanali ta' rapportar interni f'każijiet speċifiċi, pereżempju minħabba r-riskji sinifikanti li jistgħu jirriżultaw mill-attivitajiet tagħhom.

(49) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jħeġġu lil entitajiet ġuridiċi fis-settur privat li jkollhom inqas minn 50 impjegat biex jistabbilixxu kanali interni għar-rapportar u s-segwitu, inkluż billi jistabbilixxu rekwiżiti inqas preskrittivi għal dawk il-kanali milli dawk stabbiliti skont din id-Direttiva dment li dawk ir-rekwiżiti jiggarantixxu kunfidenzjalità u segwitu diliġenti.

(50) Jenħtieġ li l-eżenzjoni ta' intrapriżi żgħar u mikro mill-obbligu li jistabbilixxu kanali ta' rapportar interni ma tapplikax għal intrapriżi privati li huma obbligati jistabbilixxu kanali ta' rapportar interni skont l-atti tal-Unjoni msemmija fil-Partijiet I.B u II tal-Anness.

(51) Jenħtieġ li jkun ċar li, fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi fis-settur privat li ma jipprevedux kanali ta' rapportar interni, jenħtieġ li l-persuni li jirrapportaw ikunu kapaċi jirrapportaw esternament lill-awtoritajiet kompetenti u jenħtieġ li tali persuni jgawdu mill-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni prevista minn din id-Direttiva.

(52) Sabiex ikun żgurat, b'mod partikolari, li r-regoli tal-akkwist pubbliku fis-settur pubbliku jiġu rispettati, jenħtieġ li l-obbligu li jiġu stabbiliti kanali ta' rapportar interni japplika għall-awtoritajiet kuntrattwali u l-entitajiet kuntrattwali kollha, fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, b'mod li jkun proporzjonat mad-daqs tagħhom.

(53) Dment li tkun żgurata l-kunfidenzjalità tal-identità tal-persuna li tirrapporta, huwa f'idejn kull entità ġuridika individwali fis-settur privat u dak pubbliku li tiddefinixxi t-tip ta' kanali ta' rapportar li għandhom jiġu stabbiliti. B'mod aktar speċifiku, jenħtieġ li l-kanali ta' rapportar jippermettu li persuni jirraportaw bil-miktub u li jippreżentaw rapporti bil-posta, permezz ta' kaxxa/i fiżiċi għall-ilmenti, jew permezz ta' pjattaforma online, kemm jekk tkun fuq pjattaforma tal-intranet jew l-Internet, jew li jirrapportaw bil-fomm permezz ta' hotline telefonika jew sistema oħra ta' messaġġi vokali, jew it-tnejn. Fuq talba tal-persuna li tirrapporta, jenħtieġ li tali kanali jippermettu wkoll ir-rapportar permezz ta' laqgħat fiżiċi, f'perijodu ta' żmien raġonevoli.

(54) Partijiet terzi wkoll jistgħu jkunu awtorizzati li jirċievu rapporti ta' ksur f'isem entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku, dment li joffru garanziji xierqa ta' rispett għall-indipendenza, il-kunfidenzjalità, il-protezzjoni tad-data u s-segretezza. Tali partijiet terzi jistgħu jkunu fornituri ta' pjattaformi ta' rapportar esterni, konsulenti esterni, awdituri, rappreżentanti ta' trade unions jew rappreżentanti tal-impjegati.

(55) Jenħtieġ li l-proċeduri ta' rapportar interni jippermettu li entitajiet ġuridiċi fis-settur privat jirċievu u jinvestigaw, b'rispett sħiħ għall-kunfidenzjalità, rapporti mill-ħaddiema tal-entità u s-sussidjarji jew l-affiljati tagħha ("il-grupp"), iżda wkoll, sa fejn ikun possibbli, minn kwalunkwe aġent u fornitur tal-grupp u minn kwalunkwe persuna li takkwista informazzjoni permezz tal-attivitajiet relatati max-xogħol tagħha mal-entità u l-grupp.

(56) L-għażla tal-persuni jew id-dipartimenti li huma l-aktar adatti f'entità ġuridika fis-settur privat biex jirċievu u jagħtu segwitu għar-rapporti tiddependi mill-istruttura tal-entità, iżda, fi kwalunkwe każ, il-funzjoni tagħhom jenħtieġ li tkun tali li tiżgura indipendenza u li ma jkunx hemm konflitt ta' interess. F'entitajiet iżgħar, din il-funzjoni tista' tkun funzjoni doppja miżmuma minn uffiċjal tal-kumpannija li jkun f'pożizzjoni tajba biex jirrapporta direttament lill-kap organizzattiv, bħal uffiċjal responsabbli għall-konformità jew għar-riżorsi umani, uffiċjal responsabbli għall-integrità, uffiċjal legali jew tal-privatezza, uffiċjal kap tal-finanzi, kap eżekuttiv tal-awditjar jew membru tal-bord.

(57) Fil-kuntest ta' rapportar intern, huwa kruċjali li l-persuna li tirrapporta tiġi informata, sa fejn ikun legalment possibbli u bl-aktar mod komprensiv possibbli, dwar is-segwitu għar-rapport sabiex tinbena fiduċja fl-effettività tas-sistema globali tal-protezzjoni tal-informaturi u titnaqqas il-probabbiltà ta' aktar rapporti jew żvelar pubbliku mhux neċessarju. Jenħtieġ li l-persuna li tirrapporta tkun informata f'perijodu ta' żmien raġonevoli dwar l-azzjoni prevista jew meħuda bħala segwitu u r-raġunijiet għall-għażla ta' dak is-segwitu. Is-segwitu jista' jinkludi, pereżempju, riferiment għal kanali jew proċeduri oħra fil-każ ta' rapporti li jaffettwaw esklużivament id-drittijiet individwali tal-persuna li tirrapporta, għeluq tal-proċedura ibbażat fuq nuqqas ta' evidenza suffiċjenti jew fuq raġunijiet oħra, it-tnedija ta' inkjesta interna u, possibbilment, is-sejbiet tagħha u kwalunkwe miżura meħuda għall-indirizzar tal-kwistjoni mqajma, riferiment għal awtorità kompetenti għal investigazzjoni ulterjuri sa fejn tali informazzjoni ma tippreġudikax l-inkjesta interna jew l-investigazzjoni u ma taffettwax id-drittijiet tal-persuna kkonċernata. Fil-każijiet kollha, jenħtieġ li l-persuna li tirrapporta tkun informata bil-progress u l-eżitu tal-investigazzjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-persuna li tirrapporta tiġi mitluba tipprovdi aktar informazzjoni, matul l-investigazzjoni, minkejja li dan ma jkunx obbligu li tingħata tali informazzjoni.

(58) Jenħtieġ li perijodu ta' żmien raġonevoli sabiex persuna li tirrapporta tiġi informata ma jaqbiżx it-tliet xhur. Fejn is-segwitu adattat ikun għadu qed jiġi ddeterminat, jenħtieġ li l-persuna li tirrapporta tkun informata dwar dan u dwar kwalunkwe rispons ieħor li għandha tistenna.

(59) Jenħtieġ li persuni li qed jikkunsidraw li jirrapportaw ksur tal-liġi tal-Unjoni jkunu kapaċi jagħmlu deċiżjoni informata dwar jekk, kif u meta jirrapportaw. Jenħtieġ li l-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku li jkollhom proċeduri ta' rapportar interni stabbiliti jkunu rikjesti jipprovdu informazzjoni dwar dawk il-proċeduri kif ukoll dwar proċeduri ta' rapportar estern lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Huwa essenzjali li tali informazzjoni tkun ċara u aċċessibbli faċilment, inkluż, sa fejn huwa possibbli, anke għal persuni apparti l-ħaddiema, li jiġu f'kuntatt mal-entità permezz tal-attivitajiet relatati max-xogħol tagħhom, bħal fornituri ta' servizzi, distributuri, fornituri u sħab fin-negozju. Pereżempju, tali informazzjoni tista' tkun imwaħħla f'post viżibbli aċċessibbli għal dawn il-persuni kollha u fuq il-websajt tal-entità, u tista' tkun inkluża wkoll f'korsijiet u f'seminars ta' taħriġ dwar l-etika u l-integrità.

(60) Il-kxif u l-prevenzjoni effettivi ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni jirrikjedu li informaturi potenzjali jkunu jistgħu jippreżentaw b'mod faċli u b'kunfidenzjalità sħiħa l-informazzjoni li għandhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti li jkunu kapaċi jinvestigaw u jsolvu l-problema, fejn possibbli.

(61) Jista' jkun il-każ li ma jkunux jeżistu kanali interni jew li dawn intużaw iżda ma ħadmux sew, pereżempju minħabba li r-rapport ma ġiex ittrattat b'mod diliġenti jew f'perijodu ta' żmien raġonevoli, jew ma ttieħdet l-ebda azzjoni adatta biex jiġi indirizzat il-ksur minkejja r-riżultati tal-inkjesta interna relatata li jikkonfermaw l-eżistenza ta' ksur.

(62) F'każijiet oħra, l-użu ta' kanali interni ma jistax ikun raġonevolment mistenni li jiffunzjona sew. Dan huwa notevolment il-każ fejn persuni li jirrapportaw ikollhom raġunijiet validi biex jemmnu li ser isofru minn ritaljazzjoni b'rabta mar-rapportar, inkluż bħala riżultat ta' ksur tal-kunfidenzjalità, jew li l-awtoritajiet kompetenti

jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jieħdu azzjoni effettiva biex jindirizzaw il-ksur. L-awtoritajiet kompetenti jkunu f'pożizzjoni aħjar, pereżempju, fejn id-detentur tar-responsabbiltà aħħari fil-kuntest relatat max-xogħol ikun involut fil-ksur, jew ikun hemm riskju li l-ksur jew l-evidenza relatata tista' tinħeba jew tinqered; jew, aktar ġeneralment, l-effettività tal-azzjonijiet investigattivi mill-awtoritajiet kompetenti tista' tiġi pperikolata b'mod ieħor, bħal fil-każ ta' arranġamenti ta' kartell irrapportati u ksur ieħor tar-regoli tal-kompetizzjoni; jew il-ksur jirrikjedi azzjoni urġenti, pereżempju biex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa u s-sikurezza ta' persuni jew għall-protezzjoni tal-ambjent. Fil-każijiet kollha, jenħtieġ li l-persuni li jirrapportaw esternament lill-awtoritajiet kompetenti u, fejn rilevanti, lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni jiġu protetti. Din id-Direttiva jenħtieġ li tagħti wkoll protezzjoni fejn il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali tirrikjedi li l-persuni li jirrapportaw, jirrapportaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, pereżempju bħala parti mid-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tax-xogħol tagħhom jew għax il-ksur ikun reat kriminali.

(63) Nuqqas ta' fiduċja fl-effettività tar-rapportar huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jiskoraġġixxi lil informaturi potenzjali. Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġi impost obbligu ċar fuq l-awtoritajiet kompetenti biex jistabbilixxu kanali ta' rapportar esterni xierqa, biex jagħtu segwitu b'mod diliġenti għar-rapporti li jirċievu, u jipprovdu rispons, f'perijodu ta' żmien raġonevoli, lill-persuni li jirrapportaw.

(64) Jenħtieġ li jkun f'idejn l-Istati Membri li jaħtru l-awtoritajiet kompetenti biex jirċievu informazzjoni dwar ksur li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u jagħtu segwitu kif xieraq għar-rapporti. Tali awtoritajiet kompetenti jistgħu jkunu awtoritajiet ġudizzjarji, korpi regolatorji jew superviżorji kompetenti fl-oqsma speċifiċi kkonċernati, jew awtoritajiet ta' kompetenza aktar ġenerali fil-livell ċentrali fi Stat Membru, aġenziji tal-infurzar tal-liġi, korpi kontra l-korruzzjoni jew ombudsmen.

(65) Jenħtieġ li, bħala destinatarji tar-rapporti, l-awtoritajiet maħtura bħala kompetenti jkollhom il-kapaċitajiet u s-setgħat neċessarji biex jiżguraw segwitu xieraq, inkluż valutazzjoni tal-preċiżjoni tal-allegazzjonijiet imwettqa fir-rapport u biex jindirizzaw il-ksur irrapportat billi jniedu inkjesta interna, investigazzjoni, prosekuzzjoni jew azzjoni għall-irkupru ta' fondi, jew azzjoni xierqa oħra ta' rimedju, f'konformità mal-mandat tagħhom. B'mod alternattiv, dawk l-awtoritajiet jenħtieġ li jkollhom is-setgħat neċessarji biex jirreferu r-rapport lil awtorità oħra biex jiġi investigat il-ksur irrapportat, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm segwitu adatt minn din l-awtorità. B'mod partikolari, fejn l-Istati Membri jixtiequ jistabbilixxu kanali ta' rapportar esterni f'livell ċentrali, pereżempju fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu salvagwardji adegwati sabiex jiġi żgurat li jiġu rispettati r-rekwiżiti tal-indipendenza u l-awtonomija stabbiliti f'din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-istabbiliment ta' tali kanali ta' rapportar esterni ma jaffettwax is-setgħat tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni fir-rigward tas-superviżjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, u din id-Direttiva jenħtieġ li lanqas ma taffettwa s-setgħa esklużiva tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri tal-għajnuna mill-Istat b'mod partikolari skont l-Artikolu 107(3) TFUE. Fir-rigward ta' ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru bħala awtoritajiet kompetenti lil dawk imsemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([35]) mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.

(66) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jagħtu wkoll rispons lill-persuni li jirrapportaw dwar l-azzjoni prevista jew meħuda bħala segwitu, pereżempju, riferiment għal awtorità oħra, għeluq tal-proċedura ibbażat fuq nuqqas ta' evidenza suffiċjenti jew fuq raġunijiet oħra jew it-tnedija ta' investigazzjoni, u possibbilment is-sejbiet tagħha u kwalunkwe miżura meħuda biex tiġi indirizzata l-kwistjoni mqajma, kif ukoll dwar ir-raġunijiet għall-għażla ta' dak is-segwitu. Jenħtieġ li l-komunikazzjonijiet dwar l-eżitu finali tal-investigazzjonijiet ma jaffettwax ir-regoli applikabbli tal-Unjoni, li jinkludu restrizzjonijiet possibbli fuq il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet fil-qasam tar-regolamentazzjoni finanzjarja. Dan jenħtieġ li japplika *mutatis mutandis* fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva, jekk ikunu previsti restrizzjonijiet simili mil-liġi nazzjonali applikabbli.

(67) Jenħtieġ li s-segwitu u r-rispons isiru f' perijodu ta' żmien raġonevoli, minħabba l-ħtieġa li l-problema li hija s-suġġett tar-rapport tiġi indirizzata malajr, kif ukoll minħabba l-ħtieġa li jkun evitat żvelar pubbliku mhux meħtieġ. Jenħtieġ li tali perijodu ta' żmien ma jaqbiżx it-tliet xhur, iżda jista' jkun estiż għal sitt xhur fejn ikun meħtieġ minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, b'mod partikolari n-natura u l-kumplessità tas-suġġett tar-rapport, li jista' jkun jirrikjedi investigazzjoni fit-tul.

(68) Il-liġi tal-Unjoni f'oqsma speċifiċi, bħall-abbuż tas-suq, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 596/2014 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2392, l-avjazzjoni ċivili, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 376/2014, jew is-sikurezza ta' operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore, jiġifieri d-Direttiva 2013/30/UE, diġà tipprevedi l-istabbiliment ta' kanali ta' rapportar interni u esterni. Jenħtieġ li l-obbligi li jiġu stabbiliti tali kanali stipulati f'din id-Direttiva jibnu sa fejn ikun possibbli fuq il-kanali eżistenti previsti minn atti tal-Unjoni speċifiċi.

([35]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

(69) Il-Kummissjoni, kif ukoll xi korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, bħall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), għandhom stabbiliti kanali u proċeduri ta' rapportar esterni biex jirċievu rapporti dwar ksur li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, li primarjament jipprevedu l-kunfidenzjalità tal-identità tal-persuni li jirrapportaw. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax tali kanali u proċeduri ta' rapportar esterni, fejn jeżistu, iżda jenħtieġ li tiżgura li l-persuni li jirrapportaw lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni jibbenefikaw minn standards minimi komuni ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha.

(70) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-proċeduri għas-segwitu tar-rapporti u jiġi indirizzat il-ksur tar-regoli kkonċernat tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu miżuri biex inaqqsu l-piż għall-awtorità kompetenti minn rapporti dwar ksur minuri ta' dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, rapporti ripetittivi jew rapporti ta' ksur ta' dispożizzjonijiet anċillari, pereżempju dispożizzjonijiet dwar dokumentazzjoni jew obbligi ta' notifika. Tali miżuri jistgħu jippermettu li l-awtoritajiet kompetenti, wara valutazzjoni dovuta tal-kwistjoni, jiddeċiedu li ksur irrapportat ikun b'mod ċar wieħed minuri u ma jirrikjedix segwitu ulterjuri skont din id-Direttiva minbarra l-għeluq tal-proċedura. Jenħtieġ ukoll li jkun possibbli għall-Istati Membri li jippermettu li l-awtoritajiet kompetenti jagħlqu l-proċedura rigward rapporti ripetittivi li ma jkun fihom ebda informazzjoni ġdida sinifikanti li żżid ma' rapport preċedenti li fir-rigward tiegħu l-proċeduri rilevanti jkunu ġew konklużi, dment li ma jkunx hemm ċirkostanzi ġodda legali jew fattwali li jiġġustifikaw forma ta' segwitu differenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti biex jipprijoritizzaw it-trattament ta' rapporti dwar ksur serju jew ksur ta' dispożizzjonijiet essenzjali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva f'każ ta' influssi għolja ta' rapporti.

(71) Fejn ikun previst skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jirreferu każijiet jew informazzjoni rilevanti dwar ksur lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti, inkluż, għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, lill-OLAF u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-persuna li tirrapporta tirreferi direttament għal dawn il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni.

(72) F'ħafna oqsma ta' politika li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' din id-Direttiva, jeżistu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li permezz tagħhom l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiskambjaw informazzjoni u jwettqu attivitajiet ta' segwitu fir-rigward ta' ksur ta' regoli tal-Unjoni b'dimensjoni transfruntiera. Xi eżempji huma s-Sistema ta' Assistenza u Kooperazzjoni Amministrattivi stabbilita mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1918 ([36]), f'każijiet ta' ksur transfruntier tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari, u n-Netwerk ta' Frodi Alimentari taħt ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([37]), is-sistema ta' twissija bikrija għal prodotti perikolużi mhux tal-ikel stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([38]), in-Netwerk ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur taħt ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([39]) għall-Forum ta' Konformità u Governanza Ambjentali stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2018 ([40]), in-Netwerk Ewropew tal-Kompetizzjoni stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2003, u l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ([41]). Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ minn tali mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti fejn ikunu rilevanti bħala parti mill-obbligu tagħhom li jagħtu segwitu għar-rapporti dwar ksur li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu wkoll jikkooperaw lil hinn mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti f'każijiet ta' ksur b'dimensjoni transfruntiera f'oqsma fejn tali mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ma jeżistux.

([36]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1918 tat-22 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi sistema ta' assistenza u koperazzjoni amministrattiva (sistema "AAC") skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 280, 24.10.2015, p. 31).

([37]) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

([38]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

([39]) Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi ("ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi") (ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1).

([40]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2018 li twaqqaf grupp ta' esperti dwar il-governanza u l-konformità ambjentali (C/2018/0010), (ĠU C 19, 19.1.2018, p. 3).

([41]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

(73) Sabiex tkun possibbli komunikazzjoni effettiva mal-membri tal-persunal li jkunu responsabbli għat-trattament tar-rapporti, huwa neċessarju li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom stabbiliti kanali li jkunu faċli għall-utent, siguri, jiżguraw kunfidenzjalità fit-twassil u t-trattament tal-informazzjoni pprovduta mill-persuna li tirrapporta dwar il-ksur, u li jippermettu l-ħżin durabbli ta' informazzjoni biex ikunu possibbli investigazzjonijiet ulterjuri. Dan jista' jirrikjedi li tali kanali jkunu separati mill-kanali ġenerali li permezz tagħhom l-awtoritajiet kompetenti jikkomunikaw mal-pubbliku, bħas-sistemi normali ta' ilmenti pubbliċi jew kanali li l-awtoritajiet kompetenti jużaw biex jikkomunikaw internament u ma' partijiet terzi fl-attivitajiet ordinarji tagħhom.

(74) Jenħtieġ li l-membri tal-persunal tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu responsabbli għat-trattament tar-rapporti, ikunu mħarrġa b'mod professjonali, inkluż fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-protezzjoni tad-data, sabiex jittrattaw ir-rapporti u jiżguraw komunikazzjoni mal-persuna li tirrapporta u jagħtu segwitu għar-rapport b'mod adatt.

(75) Jenħtieġ li persuni li jkun biħsiebhom jirrapportaw, ikunu kapaċi jagħmlu deċiżjoni informata dwar jekk jirrapportawx u dwar kif u meta jirrapportaw. Jenħtieġ għalhekk li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu informazzjoni ċara u faċilment aċċessibbli dwar il-kanali ta' rapportar disponibbli mal-awtoritajiet kompetenti, dwar il-proċeduri applikabbli u dwar il-membri tal-persunal li jkunu responsabbli għat-trattament tar-rapporti fi ħdan dawk l-awtoritajiet. Jenħtieġ li l-informazzjoni kollha rigward ir-rapporti tkun trasparenti, tinftiehem faċilment u affidabbli sabiex tħeġġeġ u mhux tiskoraġġixxi r-rapportar.

(76) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom stabbiliti proċeduri ta' protezzjoni adegwati għall-ipproċessar ta' rapporti u għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuni msemmija fir-rapport. Jenħtieġ li tali proċeduri jiżguraw li l-identità ta' kull persuna li tirrapporta, kull persuna kkonċernata, u t-terzi persuni msemmija fir-rapport, pereżempju xhieda jew kollegi, tkun protetta fl-istadji kollha tal-proċedura.

(77) Huwa neċessarju li l-membri tal-persunal tal-awtorità kompetenti li jkunu responsabbli għat-trattament tar-rapporti u l-membri tal-persunal tal-awtorità kompetenti li jkollhom id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni pprovduta minn persuna li tirrapporta, jikkonformaw mal-obbligu ta' segretezza professjonali u kunfidenzjalità meta jittrasmettu d-data kemm ġewwa kif ukoll barra l-awtorità kompetenti, inkluż fejn awtorità kompetenti tiftaħ investigazzjoni jew inkjesta interna jew tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' infurzar b'rabta mar-rapport.

(78) Jenħtieġ li r-reviżjoni regolari tal-proċeduri tal-awtoritajiet kompetenti u l-iskambju ta' prattiki tajbin bejniethom jiggarantixxu li dawn il-proċeduri jkunu adegwati u għalhekk jaqdu l-iskop tagħhom.

(79) Jenħtieġ li persuni li jagħmlu żvelar pubbliku jikkwalifikaw għal protezzjoni f'każijiet fejn, minkejja r-rapportar intern u estern, il-ksur jibqa' ma jiġix indirizzat, pereżempju f'każijiet fejn il-ksur ma ġiex ivvalutat jew investigat b'mod adatt, jew fejn ma tkun ittieħdet l-ebda azzjoni adatta ta' rimedju. L-adegwatezza tas-segwitu jenħtieġ li tiġi vvalutata skont kriterji oġġettivi, marbuta mal-obbligu tal-awtoritajiet kompetenti li jivvalutaw il-preċiżjoni tal-allegazzjonijiet u li jtemmu kwalunkwe ksur possibbli tal-liġi tal-Unjoni. L-adegwatezza tas-segwitu għalhekk tiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ u min-natura tar-regoli li nkisru. B'mod partikolari, deċiżjoni mill-awtoritajiet li tiddikjara li ksur kien b'mod ċar minuri u li ma kien meħtieġ l-ebda segwitu ulterjuri, minbarra l-għeluq tal-proċedura, tista' tikkostitwixxi segwitu adatt skont din id-Direttiva.

(80) Jenħtieġ li persuni li jagħmlu żvelar pubbliku direttament jikkwalifikaw ukoll għal protezzjoni f'każijiet fejn huma jkollhom raġunijiet ġustifikati biex jemmnu li hemm periklu imminenti jew ċar għall-interess pubbliku, jew riskju ta' dannu irriversibbli, inkluż ħsara għall-integrità fiżika tal-persuna.

(81) Persuni li jagħmlu żvelar pubbliku jenħtieġ ukoll li jikkwalifikaw għal protezzjoni fejn ikollhom raġunijiet ġustifikati biex jemmnu li fil-każ ta' rapportar estern ikun hemm riskju ta' ritaljazzjoni jew ikun hemm ftit ċans li l-ksur jiġi indirizzat b'mod effettiv, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, bħal dawk fejn l-evidenza tista' tinħeba jew tinqered jew fejn awtorità tista' tkun f'kollużjoni mal-awtur tal-ksur jew tkun involuta fil-ksur.

(82) Is-salvagwardja tal-kunfidenzjalità tal-identità tal-persuna li tirrapporta matul il-proċess tar-rapportar u l-investigazzjonijiet li nghataw bidu mir-rapport hija miżura ex ante essenzjali għall-prevenzjoni ta' ritaljazzjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli biss li tiġi żvelata l-identità tal-persuna li tirrapporta fejn dak ikun obbligu neċessarju u proporzjonat taħt il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet minn awtoritajiet jew proċedimenti ġudizzjarji, b'mod partikolari biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet ta' difiża tal-persuni kkonċernati. Tali obbligu jista' jirriżulta, b'mod partikolari, mid-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([42]). Jenħtieġ li l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ma tapplikax fejn il-persuna li tirrapporta tkun żvelat intenzjonalment l-identità tagħha fil-kuntest ta' żvelar pubbliku.

([42]) Id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU L 142, 1.6.2012, p. 1).

(83) Jenħtieġ li kull ipproċessar ta' data personali mwettaq skont din id-Direttiva, inkluż l-iskambju jew it-trasmissjoni ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti, isir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([43]) u mad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([44]). Kwalunkwe skambju jew trasmissjoni ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([45]). Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-prinċipji marbutin mal-ipproċessar ta' data personali stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2016/680 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/1725, u għall-prinċipju tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku stipulat fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2016/680 u l-Artikoli 27 u 85 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

(84) Il-proċeduri pprovduti fid-Direttiva u relatati mas-segwitu tar-rapporti dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, isservi objettiv importanti ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, fis-sens tal-punt (e) tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, billi għandha l-għan li ssaħħaħ l-infurzar tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni f'oqsma speċifiċi fejn ksur jista' jikkawża ħsara serja għall-interess pubbliku. Il-protezzjoni effettiva tal-kunfidenzjalità tal-identità ta' persuni li jirrapportaw hija neċessarja għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn, b'mod partikolari dawk tal-persuni li jirrapportaw, previsti fil-punt (i) tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li din id-Direttiva hija effettiva, inkluż, fejn meħtieġ, billi jirrestrinġu, permezz ta' miżuri leġislattivi, l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-protezzjoni ta' data ta' persuni kkonċernati f'konformità mal-punti (e) u (i) tal-Artikolu 23(1) u l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 sa fejn, u sa meta, jkun neċessarju għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' tentattivi li jkollhom l-għan li jostakolaw ir-rapportar jew li jimpedixxu, ifixklu jew inaqqsu r-ritmu tas-segwitu, b'mod partikolari investigazzjonijiet, jew tentattivi li jkollhom l-għan li jidentifikaw lill-persuni li jirrapportaw.

(85) Il-protezzjoni effettiva tal-kunfidenzjalità tal-identità ta' persuni li jirrapportaw hija ugwalment neċessarja għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn, b'mod partikolari dawk tal-persuni li jirrapportaw, fejn ir-rapporti jiġu ttrattati mill-awtoritajiet kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2016/680. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li din id-Direttiva hija effettiva, inkluż, fejn neċessarju, billi jirrestrinġu, permezz ta' miżuri leġislattivi, l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-protezzjoni ta' data ta' persuni kkonċernati f'konformità mal-punti (a) u (e) tal-Artikolu 13(3), il-punti (a) u (e) tal-Artikolu 15(1), il-punti (a) u (e) tal-Artikolu 16(4) u l-Artikolu 31(5) tad-Direttiva (UE) 2016/680 sa fejn, u sa meta, jkun neċessarju għall-prevenzjoni u l-indirizzar ta' tentattivi li jkollhom l-għan li jostakolaw ir-rapportar jew li jimpedixxu, ifixklu jew inaqqsu r-ritmu tas-segwitu, b'mod partikolari investigazzjonijiet, jew tentattivi li jkollhom l-għan li jidentifikaw lill-persuni li jirrapportaw.

(86) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm żamma adegwata ta' rekords fir-rigward tar-rapporti kollha ta' ksur, li kull rapport ikun jista' jiġi rkuprat u li l-informazzjoni li tasal permezz tar-rapporti tkun tista' tintuża bħala evidenza f'azzjonijiet ta' infurzar fejn xieraq.

(87) Jenħtieġ li l-persuni li jirrapportaw ikunu protetti minn kull forma ta' ritaljazzjoni, kemm jekk diretta kif ukoll indiretta, meħuda, inkoraġġuta jew ittollerata mill-impjegatur tagħhom jew mill-klijent jew riċevitur ta' servizzi u minn persuni li jaħdmu għal jew jaġixxu f'isem dan tal-aħħar, inkluż kollegi u maniġers fl-istess organizzazzjoni jew f'organizzazzjonijiet oħra li magħhom tkun f'kuntatt il-persuna li tirrapporta fil-kuntest tal-attivitajiet relatati max-xogħol tagħha.

(88) Fejn isseħħ ritaljazzjoni mingħajr xkiel u mingħajr kastigi, din ikollha effett dissważiv fuq informaturi potenzjali. Projbizzjoni legali ċara tar-ritaljazzjoni jkollha effett dissważiv importanti, u jkun imsaħħaħ aktar b'dispożizzjonijiet għar-responsabbiltà personali u għal pieni għall-awturi tar-ritaljazzjoni.

([43]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([44]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

([45]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(89) Informaturi potenzjali li mhumiex ċerti dwar kif jirrapportaw jew jekk hux ser ikunu protetti finalment jistgħu jkunu skoraġġiti milli jirrapportaw. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti u preċiża f'dak ir-rigward tingħata b'mod li jkun ċar u li jkun faċilment aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali. Jenħtieġ li jkunu disponibbli pariri individwali, imparzjali u kunfidenzjali, mingħajr ħlas, dwar, pereżempju, jekk l-informazzjoni inkwistjoni hijiex koperta mir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tal-informaturi, liema kanal ta' rapportar jista' jkun l-aħjar li jintuża u liema proċeduri alternattivi huma disponibbli fil-każ li l-informazzjoni ma tkunx koperta mir-regoli applikabbli, l-hekk imsejħa "sinjalazzjoni". Aċċess għal tali pariri jista' jgħin biex jiġi żgurat li r-rapporti jsiru permezz tal-kanali xierqa, b'mod responsabbli, u li l-ksur jinkixef fil-ħin jew anke jiġi evitat. Tali pariri u informazzjoni jistgħu jiġu pprovduti minn ċentru ta' informazzjoni jew awtorità amministrattiva unika u indipendenti. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jestendu tali pariri għal konsulenza legali. Fejn tali pariri jingħataw lill-persuni li jirrapportaw minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jkunu marbutin bid-dmir li jżommu n-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni li jirċievu, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tali organizzazzjonijiet ma jsofrux ritaljazzjoni, pereżempju fil-forma ta' preġudizzju ekonomiku permezz ta' restrizzjoni fuq l-aċċess tagħhom għal finanzjament jew tniżżil fuq lista sewda li jista' jimpedixxi l-funzjonament tajjeb tal-organizzazzjoni.

(90) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu lill-persuni li jirrapportaw l-appoġġ li jkunu jeħtieġu biex ikollhom aċċess għal protezzjoni b'mod effettiv. B'mod partikolari, jenħtieġ li huma jipprovdu provi jew dokumentazzjoni oħra meħtieġa biex jikkonfermaw ma awtoritajiet jew qrati oħra li jkun sar rapportar estern. Taħt ċerti oqfsa nazzjonali u f'ċerti każijiet, persuni li jirrapportaw jistgħu jibbenefikaw minn forom ta' ċertifikazzjoni tal-fatt li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tar-regoli applikabbli. Minkejja tali possibbiltajiet, jenħtieġ li dawn ikollhom aċċess effettiv għal reviżjoni ġudizzjarja, fejn ikunu l-qrati li jiddeċiedu, skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jekk jissodisfawx il-kondizzjonijiet tar-regoli applikabbli.

(91) Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li wieħed jistrieħ fuq obbligi legali jew kuntrattwali tal-individwi, bħal klawżoli ta' lealtà f'kuntratti jew ftehimiet ta' kunfidenzjalità jew ta' nuqqas ta' żvelar, biex jiġi impedit ir-rapportar, tiġi miċħuda protezzjoni jew biex il-persuni li jirrapportaw jiġu ppenalizzati talli rrapportaw informazzjoni dwar ksur jew talli jiżvelaw pubblikament informazzjoni, fejn l-għoti tal-informazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-klawżoli u l-ftehimiet ikun neċessarju biex jinkixef il-ksur. Fejn dawk il-kondizzjonijiet ikunu ssodisfati, jenħtieġ li l-persuni li jirrapportaw ma jiġu attribwiti l-ebda tip ta' responsabbiltà, sew jekk ċivili, kriminali, amministrattiva jew relatata mal-impjieg. Huwa xieraq li jkun hemm protezzjoni mir-responsabbiltà għar-rapportar jew l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni skont din id-Direttiva ta' informazzjoni li fir-rigward tagħha l-persuna li tirrapporta kellha raġunijiet ġustifikati biex temmen li r-rapportar jew l-iżvelar pubbliku tagħha kien neċessarju sabiex jinkixef ksur skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li tali protezzjoni ma testendix għal informazzjoni superfluwa li l-persuna tkun kixfet mingħajr ma kellha tali raġunijiet ġustifikati.

(92) Jenħtieġ li f'każijiet fejn il-persuni li jirrapportaw jakkwistaw jew jikisbu aċċess b'mod legali għall-informazzjoni dwar ksur irrapportat jew għad-dokumenti li jkun fihom dik l-informazzjoni, huma jgawdu minn immunità mir-responsabbiltà. Dan jenħtieġ li japplika kemm għal każijiet fejn il-persuni li jirrapportaw jikxfu l-kontenut tad-dokumenti li għalihom kellhom aċċess b'mod legali kif ukoll f'każijiet fejn huma jagħmlu kopji ta' tali dokumenti jew ineħħuhom mill-bini tal-organizzazzjoni fejn huma impjegati, bi ksur ta' klawżoli kuntrattwali jew klawżoli oħra li jistipulaw li d-dokumenti rilevanti huma l-proprjetà tal-organizzazzjoni. Jenħtieġ li l-persuni li jirrapportaw igawdu wkoll minn immunità minn responsabbiltà f'każijiet fejn l-akkwist tal--informazzjoni jew tad-dokumenti rilevanti jew l-aċċess għalihom iqajjem kwistjoni ta' responsabbiltà ċivili, amministrattiva jew relatata max-xogħol. Xi eżempji huma l-każijiet fejn il-persuni li jirrapportaw ikunu kisbu l-informazzjoni permezz ta' aċċess għall-posta elettronika ta' kollega jew għal fajls li huma normalment ma jużawx fl-ambitu tax-xogħol tagħhom, billi jieħdu ritratti tal-bini tal-organizzazzjoni jew permezz ta' aċċess għal postijiet li normalment ma jkollhomx aċċess għalihom. Fejn il-persuni li jirrapportaw ikunu akkwistaw jekk kisbu aċċess għall-informazzjoni jew għad-dokumenti rilevanti billi wettqu reat kriminali, bħal dħul jew aċċess mhux awtorizzat, jenħtieġ li r-responsabbiltà penali tagħhom tibqa' rregolata mil-liġi nazzjonali applikabbli, mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni mogħtija skont l-Artikolu 21(7) ta' din id-Direttiva. Bl-istess mod, kwalunkwe responsabbiltà possibbli oħra tal-persuni li jirrapportaw li tirriżulta minn atti jew ommissjonijiet li ma jkunux relatati mar-rapportar jew li ma jkunux neċessarji għall-kxif ta' ksur skont din id-Direttiva, jenħtieġ li tibqa' rregolata mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali applikabbli. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li jkunu l-qrati nazzjonali li jivvalutaw ir-responsabbiltà tal-persuni li jirrapportaw fid-dawl tal-informazzjoni fattwali rilevanti kollha u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi individwali tal-każ, inkluż in-neċessità u l-proporzjonalità tal-att jew tal-ommissjoni fir-rigward tar-rapport jew tal-iżvelar pubbliku.

(93) Hemm probabbiltà li r-ritaljazzjoni tkun ippreżentata bħala ġġustifikata minħabba raġunijiet oħrajn li mhumiex ir-rapportar u jista' jkun diffiċli ħafna għall-persuni li jirrapportaw li jagħtu prova tar-rabta bejn ir-rapportar u r-ritaljazzjoni, filwaqt li l-awturi tar-ritaljazzjoni jista' jkollhom aktar setgħa u riżorsi biex jiddokumentaw

l-azzjoni meħuda u r-raġunament. Għalhekk, ladarba l-persuna li tirrapporta turi prima facie li hi rrapportat ksur jew għamlet żvelar pubbliku f'konformità ma' din id-Direttiva u sofriet detriment, jenħtieġ li l-oneru tal-provi jgħaddi għal fuq il-persuna li għamlet l-azzjoni detrimentali, li mbagħad jenħtieġ li tkun mitluba turi li l-azzjoni meħuda ma kienet marbuta bl-ebda mod mar-rapportar jew mal-iżvelar pubbliku.

(94) Lil hinn minn projbizzjoni espliċita ta' ritaljazzjoni prevista fil-liġi, huwa kruċjali li l-persuni li jirrapportaw li jsofru ritaljazzjoni jkollhom aċċess għal rimedji legali u kumpens. Ir-rimedju xieraq f'kull każ jenħtieġ li jkun iddeterminat mit-tip ta' ritaljazzjoni mġarrba, u d-dannu kkawżat f'tali każijiet jenħtieġ li jiġi kkumpensat bis-sħiħ f'konformità mal-liġi nazzjonali. Ir-rimedju xieraq jista' jieħu l-forma ta' azzjonijiet ta' riintegrazzjoni, pereżempju, fil-każ ta' tkeċċija, trasferiment jew dimozzjoni, jew ta' sospensjoni minn taħriġ jew minn promozzjoni, jew billi jingħata lura permess, liċenzja jew kuntratt ikkanċellat; kumpens għal telf finanzjarju attwali u futur, pereżempju għal telf ta' pagi fil-passat, iżda anke għal telf ta' dħul futur, spejjeż marbutin ma' bidla fl-impjieg; u kumpens għal dannu ekonomiku ieħor, bħal spejjeż legali u spejjeż ta' trattament mediku, u għal dannu intanġibbli, bħal uġigħ u tbatija.

(95) Filwaqt li t-tipi ta' azzjoni legali tista' tvarja minn sistema legali għal oħra, jenħtieġ li dawn jiżguraw li l-kumpens jew reparazzjoni jkun reali u effettiv, b'mod li jkun proporzjonat għad-detriment imġarrab u jkun disważiv. Ta' rilevanza f'dan il-kuntest huma l-Prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-Prinċipju 7 skont liema, "Qabel kwalunkwe tkeċċija, il-ħaddiema għandhom id-dritt jiġu informati bir-raġunijiet u jingħataw perijodu ta' notifika raġonevoli. Huma għandhom id-dritt ta' aċċess għal riżoluzzjoni ta' tilwim effettiva u imparzjali u, f'każ ta' tkeċċija mhux ġustifikata, dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat.". Jenħtieġ li r-rimedji stabbiliti fil-livell nazzjonali ma jiskoraġġixxux lil informaturi futuri potenzjali. Pereżempju, l-għoti ta' kumpens bħala alternattiva għal reintegrazzjoni f'każ ta' tkeċċija tista' twassal għal prattika sistematika, b'mod partikolari minn organizzazzjonijiet akbar, li għalhekk ikollha effett disważiv fuq informaturi futuri.

(96) Ta' importanza partikolari għal persuni li jirrapportaw huma r-rimedji interim sakemm jiġu solvuti l-kawżi legali li jistgħu jieħdu ħafna żmien. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun hemm ukoll miżuri proviżorji kif previst mil-liġi nazzjonali, disponibbli għall-persuni li jirrapportaw sabiex jitwaqqfu t-theddid, tentattivi jew atti kontinwi ta' ritaljazzjoni, bħal fastidju, jew biex jiġu evitati forom ta' ritaljazzjoni, bħal tkeċċija, li jistgħu jkunu diffiċli li jittreġġgħu lura wara li jgħaddu perijodi twal ta' żmien u li jistgħu jirrovinaw lill-individwu finanzjarjament, perspettiva li tista' serjament tiskoraġġixxi informaturi potenzjali.

(97) L-azzjonijiet meħuda kontra persuni li jirrapportaw barra mill-kuntest relatat max-xogħol, permezz ta' proċedimenti, pereżempju, f'rabta ta' malafama, ksur ta' drittijiet tal-awtur, sigrieti kummerċjali, kunfidenzjalità u protezzjoni ta' data personali, jistgħu jkunu wkoll deterrent serju għall-iżvelar tal-informazzjoni. F'tali proċedimenti, il-persuni li jirrapportaw jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq il-fatt li rrapportaw ksur jew għamlu żvelar pubbliku f'konformità ma' din id-Direttiva bħala difiża, dment li l-informazzjoni rrapportata jew żvelata pubblikament kienet neċessarja biex jinkixef il-ksur. F'tali każijiet, jenħtieġ li l-persuna li tagħti bidu għall-proċedimenti ġġorr l-oneru li tipprova li l-persuna li tirrapporta ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti b'din id-Direttiva.

(98) Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([46]) tistabbilixxi regoli biex jiġi żgurat livell sufficjenti u konsistenti ta' rimedju ċivili fil-każ ta' akkwist, użu jew żvelar illegali ta' sigriet kummerċjali. Madankollu, hija tipprevedi wkoll li l-akkwist, l-użu jew l-iżvelar ta' sigriet kummerċjali għandu jitqies bħala legali sa fejn ikun permess mil-liġi tal-Unjoni. Persuni li jiżvelaw sigrieti kummerċjali miksuba f'kuntest relatat max-xogħol jenħtieġ li jibbenefikaw biss mill-protezzjoni mogħtija minn din id-Direttiva, inkluż fir-rigward tal-eżonerazzjoni minn responsabbiltà ċivili, dment li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, inkluż li l-iżvelar kien neċessarju biex jinkixef ksur li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' din id-Direttiva. Fejn dawk il-kondizzjonijiet ikunu ssodisfati, l-iżvelar ta' sigrieti kummerċjali għandu jitqies "permess" mil-liġi tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva (UE) 2016/943. Barra minn hekk, jenħtieġ li ż-żewġ Direttivi jitqiesu bħala komplementarji u l-miżuri, il-proċeduri u l-istrumenti ta' rimedju ċivili kif ukoll l-eżenzjonijiet previsti fid-Direttiva (UE) 2016/943 jenħtieġ li jibqgħu applikabbli għal kull żvelar ta' sigrieti kummerċjali li jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu informazzjoni dwar ksur li jinkludi sigrieti kummerċjali jiżguraw li huma ma jintużawx jew jiġu żvelati għal skopijiet li jmorru lil hinn minn dak li hu neċessarju għas-segwitu adatt tar-rapporti.

([46]) Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).

(99) L-ispejjeż legali mġarrba mill-persuni li jirrapportaw u li jikkontestaw miżuri ta' ritaljazzjoni meħudin kontrihom fi proċedimenti legali jistgħu jkunu spiża sinifikanti. Għalkemm jistgħu jirkupraw tali tariffi fl-aħħar tal-proċedimenti, jista' jkun li ma jkunux jistgħu jħallsu dawk it-tariffi jekk ikollhom iħallsuhom mill-bidu tal-proċedimenti, speċjalment jekk ikunu qiegħda u mniżżla fuq lista sewda. L-assistenza għal proċedimenti ġudizzjarji kriminali, b'mod partikolari fejn il-persuni li jirrapportaw jissodisfaw il-kondizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([47]), u, b'mod aktar ġenerali, l-appoġġ lil dawk li jkunu fi bżonnijiet finanzjarji serji jistgħu jkunu kruċjali, f'ċerti każijiet, għall-infurzar effettiv tad-drittijiet tagħhom għal protezzjoni.

(100) Jenħtieġ li d-drittijiet tal-persuna kkonċernata jkunu protetti sabiex tiġi evitata ħsara għar-reputazzjoni jew konsegwenzi negattivi oħra. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-drittijiet għal difiża u aċċess għal rimedji tal-persuna kkonċernata jkunu rispettati bis-sħiħ f'kull stadju tal-proċedura ta' wara r-rapport, f'konformità mal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-identità tal-persuna kkonċernata u jiżguraw id-drittijiet tad-difiża, inkluż id-dritt ta' aċċess għall-fajl, id-dritt li tinstema' u d-dritt li tfittex rimedju effettiv kontra deċiżjoni li tikkonċerna lill-persuna kkonċernata skont il-proċeduri applikabbli stabbiliti fil-liġi nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew proċedimenti ġudizzjarji sussegwenti.

(101) Jenħtieġ li kwalunkwe persuna li ssofri preġudizzju, kemm jekk direttament kif ukoll indirettament, b'konsegwenza tar-rapportar jew tal-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni mhux preċiża jew qarrieqa żżomm il-protezzjoni u r-rimedji disponibbli għaliha skont ir-regoli tal-liġi nazzjonali ġenerali. Fejn tali informazzjoni ġiet rapportata jew żvelata pubblikament b'mod mhux preċiż jew qarrieqi u jkun sar apposta u konxjament, jenħtieġ li l-persuni kkonċernati jkunu intitolati għal kumpens f'konformità mal-liġi nazzjonali.

(102) Huma meħtieġa pieni kriminali, ċivili jew amministrattivi biex tiġi żgurata l-effettività tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-informaturi. Il-pieni kontra dawk li jieħdu azzjonijiet ta' ritaljazzjoni jew azzjonijiet negattivi oħrajn kontra persuni li jirrapportaw jistgħu jiskoraġġixxu aktar azzjonijiet simili. Il-pieni kontra persuni li jirrapportaw jew li jiżvelaw informazzjoni pubblikament dwar ksur li jintwera li tkun konxjament falza huma wkoll meħtieġa biex jiskoraġġixxu aktar rapportar malizzjuż u tiġi ppreservata l-kredibbiltà tas-sistema. Jenħtieġ li l-proporzjonalità ta' tali pieni tiżgura li dawn ma jkollhomx effett dissważiv fuq informaturi potenzjali.

(103) Kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet, li taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet mogħtija minn din id-Direttiva, b'mod partikolari deċiżjonijiet li permezz tagħhom awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jagħlqu l-proċedura rigward ksur irrapportat billi dan ikun kjarament minuri jew billi dan ir-rapport ikun repetittiv, jew jiddeċiedu li rapport partikolari ma jisthoqqlux trattament ta' prijorità, hija soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta.

(104) Din id-Direttiva tintroduċi standards minimi u jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet li jkunu aktar favorevoli għall-persuna li tirrapporta, sakemm tali dispożizzjonijiet ma jfixklux il-miżuri għall-protezzjoni ta' persuni kkonċernati. Jenħtieġ li t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, taħt l-ebda ċirkostanza, ma tikkostitwixxi raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni diġà mogħtija lill-persuni li jirrapportaw taħt il-liġi nazzjonali fl-oqsma li din tapplika għalihom.

(105) Skont l-Artikolu 26(2) TFUE, jenħtieġ li s-suq intern jinkludi żona mingħajr fruntieri interni li fiha jkun żgurat il-moviment liberu ta' oġġetti u servizzi. Jenħtieġ li s-suq intern jipprovdi liċ-ċittadini tal-Unjoni valur miżjud fil-forma ta' kwalità u sikurezza aħjar ta' oġġetti u servizzi, filwaqt li jiġu żgurati standards għoljin tas-saħħa pubblika u protezzjoni ambjentali kif ukoll moviment liberu ta' data personali. Għalhekk, l-Artikolu 114 TFUE huwa l-bażi ġuridika xierqa sabiex jiġu adottati l-miżuri meħtieġa għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Flimkien mal-Artikolu 114 TFUE, jenħtieġ li din id-Direttiva jkollha bażijiet ġuridiċi speċifiċi addizzjonali sabiex tkopri l-oqsma li jiddependu fuq l-Artikolu 16, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 50, l-Artikolu 53(1), l-Artikoli 91 u 100, l-Artikolu 168(4), l-Artikolu 169, l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 325(4) TFUE u l-Artikolu 31 tat-Trattat tal-Euratom għall-adozzjoni ta' miżuri tal-Unjoni.

(106) Il-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' din id-Direttiva huwa bbażat fuq l-identifikazzjoni ta' oqsma fejn l-introduzzjoni tal-protezzjoni tal-informaturi tidher ġustifikata u neċessarja abbażi ta' evidenza disponibbli attwalment. Tali kamp ta' applikazzjoni materjali jista' jkun estiż għal aktar oqsma jew atti tal-Unjoni, jekk dak jirriżulta li jkun neċessarju bħala mezz li jsaħħaħ l-infurzar tagħhom fid-dawl ta' evidenza li tista' toħroġ fil-beraħ fil-futur, jew abbażi tal-evalwazzjoni tal-mod li bih tkun ħadmet din id-Direttiva.

(107) Kull meta jiġu adottati atti leġislattivi futuri rilevanti għall-qasam ta' politika kopert minn din id-Direttiva, dawn għandhom jispeċifikaw, fejn xieraq, li din id-Direttiva tapplika. Fejn ikun neċessarju, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' din id-Direttiva jkun adattat u l-Anness jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

([47]) Id-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew (ĠU L 297, 4.11.2016, p. 1).

(108) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li ssaħħaħ l-infurzar f'ċerti oqsma ta' politika u fir-rigward ta' atti fejn ksur tal-liġi tal-Unjoni jista' jikkawża ħsara serja għall-interess pubbliku, permezz ta' protezzjoni effettiva tal-informaturi, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti jekk l-Istati Membri jaġixxu waħedhom jew b'mod mhux ikkoordinat, iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni billi jiġu stabbiliti standards minimi komuni għall-protezzjoni tal-informaturi, u peress li azzjoni tal-Unjoni biss tista' tipprovdi koerenza u tallinja r-regoli tal-Unjoni eżistenti dwar il-protezzjoni tal-informaturi, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan.

(109) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha. Għalhekk, huwa essenzjali li din id-Direttiva tiġi implimentata f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji billi jiġi żgurat r-rispett sħiħ, *inter alia*, tal-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni, id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, il-libertà ta' intrapriża, id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, id-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, id-dritt għal amministrazzjoni tajba, id-dritt għal rimedju effettiv u d-drittijiet tad-difiża.

(110) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**KAMP TA' APPLIKAZZJONI, DEFINIZZJONIJIET U KONDIZZJONIJIET GĦALL-PROTEZZJONI**

*Artikolu 1*

## Skop

L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li jittejjeb l-infurzar tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni f'oqsma speċifiċi billi jiġu stabbiliti standards minimi komuni li jipprevedu protezzjoni ta' livell għoli għal persuni li jirrapportaw ksur tal-liġi tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

## Kamp ta' applikazzjoni materjali

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi standards minimi komuni għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw il-ksur segwenti tal-liġi tal-Unjoni:

(a) ksur li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-atti tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness li jikkonċerna l-oqsma li ġejjin:

(i) l-akkwist pubbliku;

(ii) is-servizzi, il-prodotti u s-swieq finanzjarji, u l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(iii) is-sikurezza u l-konformità tal-prodotti;

(iv) is-sikurezza tat-trasport;

(v) il-protezzjoni tal-ambjent;

(vi) il-protezzjoni mir-radjazzjoni u s-sikurezza nukleari;

(vii) is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa u l-benessri tal-annimali;

(viii) is-saħħa pubblika;

(ix) il-protezzjoni tal-konsumatur;

(x) il-protezzjoni tal-privatezza u d-data personali, u sikurezza tan-netwerks u tas-sistemi ta' informazzjoni;

(b) il-ksur li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif imsemmija fl-Artikolu 325 TFUE u kif speċifikati ulterjorment f'miżuri rilevanti tal-Unjoni;

(c) il-ksur marbut mas-suq intern, kif imsemmi fl-Artikolu 26(2) TFUE, inkluż il-ksur tar-regoli tal-Unjoni tal-kompetizzjoni u tal-għajnuna mill-Istat, kif ukoll ksur relatat mas-suq intern fir-rigward ta' atti li jiksru r-regoli dwar it-taxxa korporattiva jew ta' ftehimiet li l-għan tagħhom huwa li jinkiseb vantaġġ tat-taxxa li jegħleb l-oġġett jew l-iskop tal-liġi tat-taxxa korporattiva applikabbli.

2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Istati Membri li jestendu l-protezzjoni skont il-liġi nazzjonali fir-rigward ta' oqsma jew atti li mhumiex koperti mill-paragrafu 1.

*Artikolu 3*

**Relazzjoni ma' atti oħrajn tal-Unjoni u dispożizzjonijiet nazzjonali**

1. Fejn regoli speċifiċi dwar ir-rapportar ta' ksur huma previsti fl-atti tal-Unjoni speċifiċi għas-setturi mniżżla fil-Parti II tal-Anness, għandhom japplikaw dawn ir-regoli. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu applikabbli sa fejn kwistjoni ma tkunx irregolata b'mod obbligatorju f'dawk l-atti tal-Unjoni speċifiċi għas-setturi.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw is-sigurtà nazzjonali, jew is-setgħa tagħhom li jipproteġu l-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħhom. B'mod partikolari, ma għandhiex tapplika għal rapporti ta' ksur tar-regoli tal-akkwist li jinvolvu aspetti ta' difiża jew ta' sigurtà sakemm ma jkunux koperti mill-atti rilevanti tal-Unjoni.

3. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali li tirrigwarda kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata;

(b) il-protezzjoni tal-privileġġ professjonali legali u mediku;

(c) is-segretezza tad-deliberazzjonijiet ġudizzjarji; jew

(d) regoli dwar il-proċedura kriminali.

4. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa r-regoli nazzjonali dwar l-eżerċizzju minn ħaddiema tad-drittijiet tagħhom li jikkonsultaw lir-rappreżentanti jew lit-trade unions tagħhom, u dwar protezzjoni minn kwalunkwe miżura detrimentali mhux ġustifikata li tkun ġejja minn tali konsultazzjonijiet kif ukoll dwar l-awtonomija tas-sħab soċjali u d-dritt tagħhom li jidħlu fi ftehimiet kollettivi. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal-livell ta' protezzjoni mogħti minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Kamp ta' applikazzjoni personali**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni li jaħdmu fis-settur privat jew dak pubbliku li jirrapportaw li kisbu informazzjoni dwar ksur f'kuntest relatat max-xogħol inkluż, mill-inqas, dawn li ġejjin:

(a) persuni li għandhom l-istatus ta' ħaddiema, skont it-tifsira tal-Artikolu 45(1) TFUE, inkluż l-impjegati maċ-ċivil;

(b) persuni li għandhom l-istatus ta' ħaddiema għal rashom, skont it-tifsira tal-Artikolu 49 TFUE;

(c) azzjonisti u -persuni li jagħmlu parti mill-korp amministrattiv, tal-maniġment jew ta' sorveljanza ta' intrapriża, inkluż membri mhux eżekuttivi, kif ukoll voluntiera u apprendisti imħallsin u mhux imħallsin;

(d) kwalunkwe persuna li taħdem taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni ta' kuntratturi, sottokuntratturi u fornituri.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għall-persuni li jirrapportaw fejn jirrapportaw jew jiżvelaw pubblikament informazzjoni dwar ksur li tkun inkisbet matul relazzjoni bbażata fuq ix-xogħol li sadanittant tkun intemmet.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għall-persuni li jirrapportaw li r-relazzjoni bbażata fuq ix-xogħol tagħhom għadha ser tibda f'każijiet fejn l-informazzjoni dwar ksur inkisbet matul il-proċess ta' reklutaġġ jew waqt negozjati pre-kuntrattwali oħrajn.

4. Il-miżuri għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw stabbiliti fil-Kapitolu VI għandhom japplikaw ukoll, fejn rilevanti, għal:

(a) faċilitaturi;

(b) persuni terzi li huma konnessi mal-persuni li jirrapportaw u li jistgħu jsofru ritaljazzjoni f'kuntest relatat max-xogħol, bħal kollegi jew qraba tal-persuni li jirrapportaw; u

(c) entitajiet ġuridiċi li jappartjenu għall-persuni li jirrapportaw, li jaħdmu għalihom jew li jkunu konnessi magħhom b'mod ieħor f'kuntest relatat max-xogħol.

*Artikolu 5*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ksur" tfisser atti jew ommissjonijiet li:

(i) ikunu illegali u li jkunu marbuta mal-atti tal-Unjoni u l-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni materjali msemmi fl-Artikolu 2; jew

(ii) imorru kontra l-objettiv jew l-iskop tar-regoli previsti fl-atti tal-Unjoni u l-oqsma li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni materjali msemmi fl-Artikolu 2;

(2) "informazzjoni dwar il-ksur" tfisser informazzjoni, inklużi suspetti raġonevoli, dwar ksur reali jew potenzjali, li seħħ jew li hemm possibbiltà kbira li jseħħ fl-organizzazzjoni li fiha taħdem jew ħadmet il-persuna li tirrapporta jew f'organizzazzjoni oħra li magħha l-persuna li tirrapporta tkun jew kienet f'kuntatt permezz tax-xogħol tagħha, u dwar tentattivi biex jinħeba tali ksur;

(3) "rapport" jew "rapportar" tfisser, komunikazzjoni bil-fomm jew bil-miktub ta' informazzjoni dwar ksur;

(4) "rapportar intern" tfisser il-komunikazzjoni bil-fomm jew bil-miktub ta' informazzjoni dwar ksur fi ħdan entità ġuridika fis-settur privat jew dak pubbliku;

(5) "rapportar estern" tfisser il-komunikazzjoni bil-fomm jew bil-miktub ta' informazzjoni dwar ksur lill-awtoritajiet kompetenti;

(6) "żvelar pubbliku" jew "żvelar pubblikament" tfisser li l-informazzjoni ta' ksur issir disponibbli fid-dominju pubbliku;

(7) "persuna li tirrapporta" tfisser persuna fiżika li tirrapporta jew tiżvela informazzjoni pubblikament dwar ksur miksuba fil-kuntest tal-attivitajiet relatati max-xogħol tagħha;

(8) "faċilitatur" tfisser persuna fiżika li tassisti lil persuna li tirrapporta fil-proċess ta' rapportar f'kuntest relatat max-xogħol, u li l-assistenza tagħha jenħtieġ li tkun kunfidenzjali;

(9) "kuntest relatat max-xogħol" tfisser attivitajiet ta' xogħol attwali jew preċedenti fis-settur pubbliku jew privat li permezz tagħhom, irrispettivament min-natura ta' dawk l-attivitajiet, persuni jiksbu informazzjoni dwar ksur u li fihom dawk il-persuni jistgħu jsofru ritaljazzjoni jekk ikunu rrapportaw tali informazzjoni.

(10) "persuna kkonċernata" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li hija msemmija fir-rapport jew fl-iżvelar pubbliku bħala persuna li għamlet il-ksur jew li magħha hija assoċjata dik il-persuna;

(11) "ritaljazzjoni" tfisser kwalunkwe att jew ommissjoni diretta jew indiretta li sseħħ f'kuntest relatat max-xogħol, hija mqanqla mir-rapportar intern jew estern jew minn żvelar pubbliku, u li tikkawża jew tista' tikkawża detriment mhux ġustifikat lill-persuna li tirrapporta;

(12) "segwitu" tfisser kwalunkwe azzjoni meħuda minn dak li jirċievi rapport, jew kwalunkwe awtorità kompetenti, biex tivvaluta l-preċiżjoni tal-allegazzjonijiet magħmulin fir-rapport u, fejn rilevanti, biex tindirizza l-ksur irrapportat, inkluż permezz ta' azzjonijiet bħal inkjesta interna, investigazzjoni, prosekuzzjoni, azzjoni għall-irkupru ta' fondi, jew l-għeluq tal-proċedura;

(13) "rispons" tfisser il-forniment lill-persuna li tirrapporta ta' informazzjoni dwar l-azzjoni prevista jew meħuda bħala segwitu u dwar ir-raġunijiet għal tali segwitu;

(14) "awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe awtorità nazzjonali li tinħatar biex tirċievi rapporti f'konformità mal-Kapitolu III u li tagħti rispons lill-persuna li tirrapporta u/jew li tinħatar biex twettaq il-kompiti previsti f'din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tas-segwitu.

*Artikolu 6*

**Kondizzjonijiet għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw**

1. Persuni li jirrapportaw għandhom jikkwalifikaw għal protezzjoni taħt din id-Direttiva dment li:

(a) huma kellhom raġunijiet ġustifikati biex jemmnu li l-informazzjoni dwar ksur irrapportata kienet vera fil-ħin tar-rapportar u li tali informazzjoni kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva; u

(b) huma rrapportaw internament f'konformità mal-Artikolu 7 jew esternament f'konformità mal-Artikolu 10, jew għamlu żvelar pubbliku f'konformità mal-Artikolu 15.

2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi eżistenti li jiġi previst rapportar anonimu skont il-liġi tal-Unjoni, din id-Direttiva ma taffettwax is-setgħa tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk entitajiet ġuridiċi fis-settur privat jew dak pubbliku u l-awtoritajiet kompetenti humiex rikjesti li jaċċettaw u jagħtu segwitu għar-rapporti anonimiu ta' ksur.

3. Persuni li rrapportaw jew żvelaw informazzjoni pubblikament dwar ksur b'mod anonimu, iżda li jiġu identifikati sussegwentement u jsofru ritaljazzjoni għandhom xorta waħda jikkwalifikaw għall-protezzjoni prevista taħt il-Kapitolu VI, dment li dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

4. Persuni li jirrapportaw lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni dwar ksur li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jikkwalifikaw għal protezzjoni kif stipulat f'din id-Direttiva bl-istess kondizzjonijiet bħal persuni li jirrapportaw esternament.

KAPITOLU II

**RAPPORTAR INTERN U SEGWITU**

*Artikolu 7*

**Rapportar permezz ta' kanali ta' rapportar interni**

1. Bħala prinċipju ġenerali u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 10 u 15, informazzjoni dwar ksur tista' tiġi rrapportata permezz tal-kanali ta' rapportar interni u l-proċeduri previsti f'dan il-Kapitolu.

2. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu r-rapportar permezz ta' kanali ta' rapportar interni qabel ma jirrapportaw permezz ta' kanali ta' rapportar esterni fejn il-ksur jista' jiġi effettivament indirizzat internament u fejn il-persuna li tirrapporta tqis li ma hemm l-ebda riskju ta' ritaljazzjoni.

3. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni xierqa relatata mal-użu ta' kanali ta' rapportar interni msemmija fil-paragrafu 2 fil-kuntest tal-informazzjoni mogħtija minn entitajiet ġuridiċi fis-settur pubbliku u privat skont il-punt (g) tal-Artikolu 9(1), u mill-awtoritajiet kompetenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 12(4) u l-Artikolu 13.

*Artikolu 8*

**Obbligu li jiġu stabbiliti kanali ta' rapportar interni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku jistabbilixxu kanali u proċeduri għar-rapportar intern u għas-segwitu, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali u bi ftehim magħhom fejn previst mil-liġi nazzjonali.

2. Il-kanali u proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jippermettu lill-ħaddiema tal-entità sabiex jirrapportaw informazzjoni dwar ksur. Jistgħu jippermettu persuni oħra, imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 4(2), li huma f'kuntatt mal-entità fil-kuntest tal-attivitajiet relatati max-xogħol tagħhom sabiex ukoll jirrapportaw informazzjoni dwar ksur.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat b'50 ħaddiem jew aktar.

4. Il-limitu stabbilit fil-paragrafu 3 ma għandux japplika għall-entitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-atti tal-Unjoni msemmija fil-Partijiet I.B u II tal-Anness.

5. Il-kanali ta' rapportar jistgħu jkunu operati internament minn persuna jew dipartiment maħtur għal dak il-għan jew ipprovduti esternament minn parti terza. Is-salvagwardji u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 9(1) għandhom japplikaw ukoll lil partijiet terzi fdati li joperaw il-kanal ta' rapportar għal entità ġuridika fis-settur privat.

6. L-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat li għandhom bejn 50 u 249 ħaddiem jistgħu jaqsmu r-riżorsi fir-rigward tal-wasla ta' rapporti u ta' kwalunkwe investigazzjoni li għandha titwettaq. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi imposti fuq tali entitajiet minn din id-Direttiva li jżommu l-kunfidenzjalità, li jagħtu rispons, u li jindirizzaw il-ksur irrapportat.

7. Wara valutazzjoni xierqa tar-riskju li tikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-entitajiet u l-livell ta' riskju li jirriżulta, b'mod partikolari, għall-ambjent u s-saħħa pubblika, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li entitajiet ġuridiċi fis-settur privat b'inqas minn 50 ħaddiem jistabbilixxu kanali u proċeduri ta' rapportar interni f'konformità mal-Kapitolu II.

8. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni li huma jieħdu li tirrikjedi li entitajiet ġuridiċi fis-settur privat jistabbilixxu kanali ta' rapportar interni skont il-paragrafu 7. Dik in-notifika għandha tinkludi r-raġunijiet għad-deċiżjoni u l-kriterji użati fil-valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 7. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dik id-deċiżjoni lill-Istati Membri l-oħra.

9. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-entitajiet ġuridiċi kollha fis-settur pubbliku, inkluż kwalunkwe entità li hija proprjetà ta' jew ikkontrollata minn tali entitajiet.

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-obbligu msemmi fil-paragrafu 1 lil muniċipalitajiet b'inqas minn 10 000 abitant jew b'inqas minn 50 ħaddiem, jew entitajiet oħra msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu b'inqas minn 50 ħaddiem.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-kanali ta' rapportar interni jistgħu jkunu kondiviżi bejn muniċipalitajiet jew jiġu operati minn awtoritajiet muniċipali konġunti f'konformità mal-liġi nazzjonali, sakemm il-kanali ta' rapportar interni kondiviżi jkunu distinti minn u awtonomi fir-rigward tal-kanali ta' rapportar esterni rilevanti.

*Artikolu 9*

**Proċeduri għal rapportar intern u għas-segwitu**

1. Il-proċeduri għar-rapportar intern u għas-segwitu kif imsemmi fl-Artikolu 8 għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) kanali biex jintlaqgħu r-rapporti li jkunu mfasslin, stabbiliti u operati b'mod sigur li jiżgura li l-kunfidenzjalità tal-identità tal-persuna li tirrapporta u ta' kwalunkwe parti terza msemmija fir-rapport hija protetta, u li jipprevjeni l-aċċess għalihom minn membri tal-persunal mhux awtorizzati;

(b) notifika lill-persuna li tirrapporta dwar il-fatt li r-rapport wasal fi żmien sebat ijiem wara li jkun wasal ir-rapport;

(c) il-ħatra ta' persuna jew dipartiment kompetenti imparzjali biex jagħti segwitu għar-rapporti, li jista' jkun l-istess persuna jew dipartiment bħal dak li jirċievi r-rapporti u li ser iżomm il-komunikazzjoni mal-persuna li tirrapporta u, fejn meħtieġ, jitlob aktar informazzjoni mingħand u jipprovdi rispons lil dik il-persuna li tirrapporta;

(d) segwitu diliġenti mill-persuna jew dipartiment maħtur imsemmija fil-punt (c);

(e) segwitu diliġenti, fejn previst fil-liġi nazzjonali, fir-rigward ta' rapportar anonimu;

(f) perijodu ta' żmien raġonevoli biex jingħata rispons, mhux aktar minn tliet xhur min-notifika li r-rapport wasal jew, jekk ma ntbagħtet l-ebda notifika lill-persuna li tirrapporta, tliet xhur mill-iskadenza tal-perijodu ta' sebat ijiem wara li jkun sar ir-rapport;

(g) l-għoti ta' informazzjoni ċara u faċilment aċċessibbli dwar il-proċeduri għar-rapportar estern lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 10 u, fejn rilevanti, lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni.

2. Il-kanali previsti fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jippermettu r-rapportar bil-miktub jew bil-fomm, jew it-tnejn. Rapportar bil-fomm għandu jkunu possibbli permezz tat-telefon jew permezz sistemi oħra ta' messaġġi bil-vuċi, u, fuq talba mill-persuna li tirrapporta, permezz ta' laqgħa fiżika fi żmien raġonevoli.

KAPITOLU III

**RAPPORTAR ESTERN U SEGWITU**

*Artikolu 10*

**Rapportar permezz ta' kanali ta' rapportar esterni**

Mingħajr preġudizzju għall-punt (b) tal-Artikolu 15(1), il-persuni li jirrapportaw għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar ksur bl-użu tal-kanali u l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 11 u 12, wara li jkunu l-ewwel irrapportaw permezz tal-kanali ta' rapportar interni, jew billi jirrapportaw direttament permezz tal-kanali ta' rapportar esterni.

*Artikolu 11*

**Obbligu li jiġu stabbiliti kanali ta' rapportar esterni u li jingħata segwitu għar-rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti biex jirċievu, jagħtu rispons u segwitu għar-rapporti u għandhom jipprovdulhom ir-riżorsi adegwati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti:

(a) jistabbilixxu kanali ta' rapportar esterni indipendenti u awtonomi sabiex jirċievu u jittrattaw l-informazzjoni dwar ksur;

(b) malajr, u fi kwalunkwe każ fi żmien sebat ijiem minn meta jasal ir-rapport, jirrikonoxxi dik il-wasla i dment li l-persuna li tirrapporta ma tkunx talbet speċifikament mod ieħor jew l-awtorità kompetenti ma għandhiex raġunijiet biex taħseb li r-rikonoxximent tal-wasla tar-rapport jippreġudika l-protezzjoni tal-identità tal-persuna li tirrapporta;

(c) jagħtu segwitu diliġenti għar-rapporti;

(d) jipprovdu rispons lill-persuna li tirrapporta f'perijodu ta' żmien raġonevoli li ma jaqbiżx it-tliet xhur, jew is-sitt xhur f'każijiet debitament ġustifikati;;

(e) jikkomunikaw lill-persuna li tirrapporta r-riżultat finali ta' investigazzjonijiet li nbdew bħala riżultat tar-rapport, f'konformità ma' proċeduri previsti skont il-liġi nazzjonali;

(f) jibagħtu fiż-żmien dovut, l-informazzjoni li hemm fir-rapport lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji kompetenti tal-Unjoni, kif xieraq, għal aktar investigazzjoni, fejn dan huwa previst skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti, wara li jkunu vvalutaw kif xieraq il-kwistjoni, ikunu jistgħu jiddeċiedu li ksur irrapportat huwa b'mod ċar wieħed minuri u ma jirrikjedix segwitu ulterjuri skont din id-Direttiva, ħlief l-għeluq tal-proċedura. Dan ma għandux jaffettwa obbligi oħra jew proċeduri applikabbli oħrajn biex jiġi indirizzat il-ksur irrapportat, jew il-protezzjoni mogħtija minn din id-Direttiva fir-rigward ta' rapportar intern jew estern. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-persuna li tirrapporta dwar id-deċiżjoni tagħhom u r-raġunijiet għaliha.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiddeċiedu li jagħlqu proċeduri dwar rapporti ripetittivi li ma jinkludu ebda informazzjoni sinifikanti ġdida dwar ksur meta mqabbla ma' rapport preċedenti li fir-rigward tiegħu ikunu ġew konklużi l-proċeduri rilevanti, dment li ċirkostanzi ġodda legali jew fattwali ma jiġġustifikawx segwitu differenti. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-persuna li tirrapporta dwar id-deċiżjoni tagħhom u r-raġunijiet għaliha.

5. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, f'każ ta' flussi għolja ta' rapporti, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jittrattaw rapporti dwar ksur serju jew ksur ta' dispożizzjonijiet essenzjali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bħala kwistjoni ta' prijorità, mingħajr preġudizzju għall-perjodu ta' żmien kif stabbilita fil-punt (d) tal-paragrafu 2.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe awtorità li rċeviet rapport iżda li ma għandhiex il-kompetenza li tindirizza l-ksur irrapportat tittrasmettih lill-awtorità kompetenti, f'perijodu ta' żmien raġonevoli, b'mod sikur, u li l-persuna li tirrapporta tkun informata dwar din it-trasmissjoni, mingħajr dewmien.

*Artikolu 12*

**Tfassil ta' kanali ta' rapportar esterni**

1. Il-kanali ta' rapportar esterni għandhom ikunu kkunsidrati indipendenti u awtonomi, jekk jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

(a) huma mfassla, stabbiliti u operati b'mod li jiżgura l-kompletezza, l-integrità u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u jipprevjeni l-aċċess għalihom minn membri tal-persunal mhux awtorizzati tal-awtorità kompetenti;

(b) jippermettu l-ħżin durabbli ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18 biex jippermettu li jsiru aktar investigazzjonijiet.

2. Il-kanali ta' rapportar esterni għandhom jippermettu rapportar bil-miktub u bil-fomm. Rapportar bil-fomm għandu jkun possibbli permezz tat-telefon jew permezz ta' sistemi oħra ta' messaġġi bil-vuċi u fuq talba tal-persuna li tirrapporta, permezz ta' laqgħa fiżika fi żmien raġonevoli.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li, meta rapport jasal permezz ta' kanali oħra minbarra l-kanali ta' rapportar imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 jew minn membri tal-persunal oħra għajr dawk responsabbli għat-trattament tar-rapporti, il-membri tal-persunal li jirċevuh huma projbiti milli jiżvelaw kwalunkwe informazzjoni li tista' tidentifika lill-persuna li tirrapporta jew lill-persuna kkonċernata, u li huma jgħaddu minnufih ir-rapport mingħajr modifika lill-membri tal-persunal responsabbli għat-trattament tar-rapporti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jaħtru membri tal-persunal responsabbli biex jittrattaw ir-rapporti, u b'mod partikolari biex:

(a) jipprovdu lil kwalunkwe persuna interessata b'informazzjoni dwar il-proċeduri għar-rapportar;

(b) jirċievu u jagħtu segwitu għar-rapporti;

(c) iżommu kuntatt mal-persuna li tirrapporta bil-għan li jipprovdu rispons u jeżiġu aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

5. Il-membri tal-persunal imsemmija fil-paragrafu 4 għandhom jirċievu taħriġ speċifiku biex jittrattaw ir-rapporti.

*Artikolu 13*

**Informazzjoni dwar il-wasla tar-rapporti u s-segwitu tagħhom**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw fuq is-siti tal-Internet tagħhom fit-taqsima separata, faċilment identifikabbli u aċċessibbli tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kondizzjonijiet ta' kwalifika għal protezzjoni taħt din id-Direttiva;

(b) id-dettalji ta' kuntatt għall-kanali ta' rapportar esterni kif previst fl-Artikolu 12, b'mod partikolari l-indirizzi elettroniċi u postali, u n-numri tat-telefon għal tali kanali, filwaqt li jiġi indikat jekk il-konverżazzjonijiet telefoniċi humiex irrekordjati;

(c) il-proċeduri applikabbli għar-rapportar ta' ksur, inkluż il-mod li bih l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-persuna li tirrapporta biex tiċċara l-informazzjoni rrapportata jew biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali, l-iskeda ta' żmien għall-għoti ta' rispons u t-tip u l-kontenut ta' tali rispons;

(d) ir-reġim ta' kunfidenzjalità applikabbli għar-rapporti, u b'mod partikolari l-informazzjoni relatata mal-ipproċessar ta' data personali f'konformità mal-Artikolu 17 ta' din id-Direttiva, l-Artikoli 5 u 13 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2016/680 u l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1725, kif applikabbli;

(e) in-natura tas-segwitu li għandu jingħata lir-rapporti;

(f) ir-rimedji u l-proċeduri għall-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni u d-disponibbiltà ta' parir kunfidenzjali lill-persuni li qed jikkontemplaw li jirrapportaw;

(g) dikjarazzjoni li tispjega b'mod ċar il-kondizzjonijiet li skonthom persuni li jirrapportaw lill-awtorità kompetenti jkunu protetti milli jġarrbu responsabbiltà għal ksur ta' kunfidenzjalità skont l-Artikolu 21(2); u

(h) dettalji ta' kuntatt taċ-ċentru ta' informazzjoni jew tal-awtorità amministrattiva indipendenti unika kif previst fl-Artikolu 20(3) fejn applikabbli.

*Artikolu 14*

**Rieżami tal-proċeduri mill-awtoritajiet kompetenti**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirrevedu l-proċeduri tagħhom biex jirċievu rapporti, u għas-segwitu tagħhom, regolarment, u tal-inqas darba kull tliet snin. Fir-rieżami ta' tali proċeduri l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-esperjenza tagħhom kif ukoll dik ta' awtoritajiet kompetenti oħrajn u jadattaw il-proċeduri tagħhom kif xieraq.

KAPITOLU IV

**ŻVELAR PUBBLIKU**

*Artikolu 15*

**Żvelar pubbliku**

1. Persuna li tagħmel żvelar pubbliku għandha tikkwalifika għal protezzjoni taħt din id-Direttiva jekk kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfatta:

(a) il-persuna l-ewwel irrapportat internament, jew direttament esternament f'konformità mal-Kapitoli II u III, iżda ma ttieħdet l-ebda azzjoni xierqa b'rispons għar-rapport fil-perijodu ta' żmien imsemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 9(1) jew fil-punt (d) tal-Artikolu 11(2); jew

(b) il-persuna għandha raġunijiet ġustifikati biex temmen li:

(i) il-ksur jista' jikkostitwixxi periklu imminenti jew evidenti għall-interess pubbliku, bħal fejn ikun hemm sitwazzjoni ta' emerġenza jew riskju ta' dannu irriversibbli; jew

(ii) fil-każ ta' rapportar estern, ikun hemm riskju ta' ritaljazzjoni jew ikun hemm prospett baxx li l-ksur li jkun qed jiġi indirizzat b'mod effettiv, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, bħal dawk fejn l-evidenza tista' tinħeba jew tinqered jew fejn awtorità tista' tkun f'kollużjoni mal-awtur tal-ksur jew involuta fil-ksur.

2. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal każijiet fejn persuna tiżvela informazzjoni direttament lill-istampa skont dispożizzjonijiet nazzjonali speċifiċi li jistabbilixxu sistema ta' protezzjoni relatata mal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni.

KAPITOLU V

**DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAR-RAPPORTAR INTERN U ESTERN**

*Artikolu 16*

**Dmir ta' kunfidenzjalità**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-identità tal-persuna li tirrapporta ma tiġi żvelata lill-ebda persuna lil hinn mill-membri tal-persunal awtorizzati li huma kompetenti biex jirċievu jew jagħtu segwitu għar-rapporti, mingħajr il-kunsens espliċitu ta' dik il-persuna. Dan għandu japplika wkoll għal kwalunkwe informazzjoni oħra li minnha l-identità tal-persuna li tirrapporta tista' tiġi dedotta direttament jew indirettament.

2. B' deroga mill-paragrafu 1, l-identità tal-persuna li tirrapporta u kwalunkwe informazzjoni oħra msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu żvelati biss fejn dan huwa obbligu meħtieġ u proporzjonat impost mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali jew proċedimenti ġudizzjarji, inkluż bil-ħsieb li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tad-difiża tal-persuna kkonċernata.

3. Żvelar li jsir skont id-deroga prevista fil-paragrafu 2 għandu jkun soġġett għal salvagwardji xierqa skont ir-regoli tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli. B'mod partikolari, persuni li jirrapportaw għandhom jiġu informati qabel ma tiġi żvelata l-identità tagħhom, dment li tali informazzjoni ma tipperikolax l-investigazzjonijiet jew il-proċedimenti ġudizzjarji relatati. Meta tinforma lill-persuni li jirrapportaw, l-awtorità kompetenti għandha tibgħatilhom spjegazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet għall-iżvelar tad-data kunfidenzjali kkonċernata.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu informazzjoni dwar ksur li tinkludi sigrieti kummerċjali ma jużawhomx jew jiżvelaw dawk is-sigrieti kummerċjali għal finijiet li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal segwitu xieraq.

*Artikolu 17*

**Proċessar ta' data personali**

Kwalunkwe pproċessar ta' data personali li jsir skont din id-Direttiva, inkluż l-iskambju jew it-trasmissjoni ta' data personali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti, għandu jitwettaq skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva (UE) 2016/680. Kwalunkwe skambju jew trasmissjoni ta' informazzjoni minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni għandha ssir f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

Data personali li b'mod ċar ma tkunx rilevanti għat-trattament ta' rapport speċifiku ma għandhiex tinġabar jew, jekk tinġabar b'mod aċċidentali, għandha titħassar mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 18*

**Żamma ta' rekords tar-rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet ġuridiċi fis-settur pubbliku u privat u l-awtoritajiet kompetenti jżommu rekords ta' kull rapport li jirċievu, f'konformità mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità previsti fl-Artikolu 16. Ir-rapporti għandhom jinħażnu għal mhux aktar minn kemm ikun meħtieġ u proporzjonat sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti imposti minn din id-Direttiva, jew ma' rekwiżiti oħra imposti mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.

2. Fejn għar-rapportar tintuża linja tat-telefon irrekordjata jew sistema oħra ta' messaġġi bil-vuċi rrekordjata, soġġett għall-kunsens tal-persuna li tirrapporta, l l-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku u l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom id-dritt li jiddokumentaw ir-rapportar bil-fomm f'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) billi jagħmlu reġistrazzjoni tal-konverżazzjoni f'forma li tista' tiġi rkuprata u li tkun durabbli; jew

(b) permezz ta' traskrizzjoni preċiża u sħiħa tal-konverżazzjoni ppreparata mill-membri tal-persunal responsabbli għat-trattament tar-rapport.

L-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku u l-awtoritajiet kompetenti għandhom joffru lill-persuna li tirrapporta l-opportunità li tiċċekkja, tirrettifika u taqbel mat-traskrizzjoni tat-telefonata billi tiffirmaha.

3. Fejn għar-rapportar tintuża linja tat-telefon mhux irrekordjata jew sistema oħra ta' messaġġi bil-vuċi mhux irrekordjata, l-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku u l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom id-dritt li jiddokumentaw ir-rapportar bil-fomm fil-forma ta' minuti preċiżi tal-konverżazzjoni miktuba mill-membru tal-persunal responsabbli għat-trattament tar-rapport. L-entitajiet ġuridiċi tas-settur privat u dak pubbliku u l- awtoritajiet kompetenti għandhom joffru lill-persuna li tirrapporta l-opportunità li tiċċekkja, tirrettifika u taqbel dwar il-minuti tal-konverżazzjoni billi tiffirmahom.

4. Meta persuna titlob laqgħa mal-membri tal-persunal tal-entitajiet ġuridiċi tas-settur privat u dak pubbliku jew tal-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet ta' rapportar f'konformità mal-Artikoli 9(2) u 12(2), l-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw, soġġett għall-kunsens tal-persuna li tirrapporta, li jinżammu rekords kompluti u preċiżi tal-laqgħa f'forma li tista' tiġi rkuprata u li tkun durabbli.

L-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku u l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom id-dritt li jiddokumentaw il-laqgħa b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) billi jagħmlu reġistrazzjoni tal-konverżazzjoni f'forma li tista' tiġi rkuprata u li tkun durabbli; jew

(b) permezz ta' minuti preċiżi tal-laqgħa mħejjija mill-membri tal-persunal responsabbli għat-trattament tar-rapport.

L-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat u dak pubbliku u l-awtoritajiet kompetenti għandhom joffru lill-persuna li tirrapporta l-opportunità li tiċċekkja, tirrettifika u taqbel dwar il-minuti tal-laqgħa billi tiffirmahom.

KAPITOLU VI

**MIŻURI TA' PROTEZZJONI**

*Artikolu 19*

**Projbizzjoni ta' ritaljazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprojbixxu kwalunkwe forma ta' ritaljazzjoni kontra persuni msemmija fl-Artikolu 4, inkluż theddid ta' ritaljazzjoni u attentati ta' ritaljazzjoni, inkluż b'mod partikolari fil-forma ta':

(a) sospensjoni, sensja, tkeċċija jew miżuri ekwivalenti;

(b) dimozzjoni jew sospensjoni ta' promozzjoni;

(c) trasferiment ta' kompiti, bidla fil-post tax-xogħol, tnaqqis ta' pagi, bidla fis-sigħat tax-xogħol;

(d) sospensjoni ta' taħriġ;

(e) valutazzjoni tal-prestazzjoni jew referenza tal-impjieg negattivi;

(f) impożizzjoni jew amministrazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' dixxiplina, ċanfira jew piena oħra, inkluż piena finanzjarja;

(g) koeżjoni, intimidazzjoni, fastidju jew ostraċiżmu;

(h) diskriminazzjoni, trattament żvantaġġat jew inġust;

(i) nuqqas ta' qlib ta' kuntratt tal-impjieg minn wieħed temporanju għal wieħed permanenti, fejn il-ħaddiem kellu aspettattivi leġittimi li kien ser jiġi offrut impjieg permanenti;

(j) nuqqas ta' tiġdid, jew terminazzjoni bikrija, ta' kuntratt tal-impjieg temporanju;

(k) ħsara, inkluż għar-reputazzjoni tal-persuna, b'mod partikolari fil-media soċjali, jew telf finanzjarju, inkluż telf ta' negozju u telf ta' dħul;

(l) tniżżil fuq lista sewda abbażi ta' ftehim informali jew formali mal-industrija jew mas-settur kollu, li jista' jinvolvi li l-persuna mhux ser issib impjieg fis-settur jew fl-industrija fil-futur;

(m) terminazzjoni bikrija jew kanċellazzjoni ta' kuntratt għal oġġetti jew servizzi;

(n) kanċellazzjoni ta' liċenzja jew permess.

(o) riferimenti psikjatriċi jew mediċi.

*Artikolu 20*

**Miżuri ta' appoġġ**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni msemmija fl-Artikolu 4 jkollhom aċċess, kif xieraq, għal miżuri ta' appoġġ, b'mod partikolari, dawn li ġejjin:

(a) informazzjoni u pariri komprensivi u indipendenti, li huma faċilment aċċessibbli għall-pubbliku u mingħajr ħlas, dwar proċeduri u rimedji disponibbli, dwar il-protezzjoni mir-ritaljazzjoni, u dwar id-drittijiet tal-persuna kkonċernata;

(b) assistenza effettiva mill-awtoritajiet kompetenti quddiem kwalunkwe awtorità rilevanti involuta fil-protezzjoni tagħhom kontra r-ritaljazzjoni, inkluż, fejn ikun previst mil-liġi nazzjonali, iċ-ċertifikazzjoni tal-fatt li jikkwalifikaw għal protezzjoni taħt din id-Direttiva;

(c) aċċess għal għajnuna legali fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ċivili transfruntiera f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1919 u d-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([48]), u f'konformità mal-liġi nazzjonali, għall-għajnuna legali fi proċedimenti ulterjuri u konsulenza legali jew assistenza legali oħra.

([48]) Id-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3).

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu miżuri ta' assistenza u appoġġ finanzjarju, inkluż appoġġ psikoloġiku, għal persuni li jirrapportaw fil-qafas ta' proċedimenti legali.

3. Il-miżuri ta' appoġġ imsemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu pprovduti, kif xieraq, minn ċentru ta' informazzjoni jew awtorità amministrattiva indipendenti unika u identifikata b'mod ċar.

*Artikolu 21*

**Miżuri għall-protezzjoni mir-ritaljazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-persuni msemmija fl-Artikolu 4 jiġu protetti mir-ritaljazzjoni. Tali miżuri għandhom jinkludu, b'mod partikolari, dawk stipulati fil-paragrafi 2 sa 8 ta' dan l-Artikolu.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(2) u (3), fejn persuni jirrapportaw informazzjoni dwar ksur jew jagħmlu żvelar pubbliku f'konformità ma' din id-Direttiva huma ma għandhomx jitqiesu li kisru ebda restrizzjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni u ma għandhom jiġu attribwiti responsabbiltà ta' ebda tip fir-rigward ta' tali rapport jew żvelar pubbliku dment li kellhom raġunijiet ġustifikati biex jemmnu li r-rapportar jew l-iżvelar pubbliku ta' tali informazzjoni kien meħtieġ biex jinkixef ksur skont din id-Direttiva.

3. Il-persuni li jirrapportaw ma għandhomx jiġu attribwiti responsabbiltà fir-rigward tal-akkwist tal-informazzjoni jew tal-aċċess għaliha li tkun irrapportata jew żvelata pubblikament, dment li tali akkwist jew aċċess ma jkunx ikkostitwixxa reat kriminali awtonomu. F'każ li l-akkwist jew l-aċċess jikkostitwixxi reat kriminali awtonomu, responsabbiltà kriminali għandha tibqa' irregolata mil-liġi nazzjonali applikabbli.

4. Kwalunkwe responsabbiltà possibbli oħra ta' persuni li jirrapportaw li tirriżulta minn atti jew ommissjonijiet li ma jkunux relatati mar-rapportar jew żvelar pubbliku jew li ma jkunux meħtieġa biex jinkixef ksur skont din id-Direttiva għandha tkompli tkun irregolata mil-liġi applikabbli tal-Unjoni jew dik nazzjonali.

5. Fi proċedimenti quddiem qorti jew awtorità oħra marbuta ma' detriment sofrut mill-persuna li tirrapporta, u soġġett li dik il-persuna tistabbilixxi li rrapportat jew għamlet żvelar pubbliku u sofriet detriment, għandu jiġi preżunt li d-detriment sar b'ritaljazzjoni għar-rapport jew l-iżvelar pubbliku. F'każijiet bħal dawn, għandu jkun f'idejn il-persuna li tkun ħadet il-miżura detrimentali li tagħti prova li dik il-miżura kienet ibbażata fuq raġunijiet debitament ġustifikati.

6. Persuni msemmija fl-Artikolu 4 għandu jkollhom aċċess għal miżuri ta' rimedju kontra r-ritaljazzjoni kif xieraq, inklużi miżuri interim sas-soluzzjoni tal-proċedimenti legali, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

7. Fi proċedimenti legali, inkluż għal malafama, ksur ta' drittijiet tal-awtur, ksur ta' segretezza, ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, żvelar ta sigrieti kummerċjali, jew għal talbiet għal kumpens ibbażati fuq id-dritt privat, pubbliku jew fuq il-liġi kollettiva tax-xogħol, il-persuni msemmija fl-Artikolu 4 ma għandhomx jiġu attribwiti responsabbiltà ta' ebda tip bħala riżultat ta' rapporti jew żvelar pubbliku taħt din id-Direttiva. Dawk il-persuni għandu jkollhom id-dritt li jinvokaw dak ir-rapportar jew l-iżvelar pubbliku biex jitolbu li l-kawża titwaqqa', dment li kellhom raġunijiet ġustifikati biex jemmnu li r-rapportar jew l-iżvelar pubbliku kien meħtieġ biex jinkixef ksur, skont din id-Direttiva.

Fejn persuna tirrapporta jew tiżvela pubblikament informazzjoni dwar ksur li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u dik l-informazzjoni tinkludi sigrieti kummerċjali, u fejn dik il-persuna tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva, tali rapportar jew żvelar pubbliku għandu jitqies bħala legali skont il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva (UE) 2016/943.

8. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-rimedji u l-kumpens sħiħ jiġu pprovduti għad-dannu mġarrab mill-persuni msemmija fl-Artikolu 4 f'konformità mal-liġi nazzjonali.

*Artikolu 22*

**Miżuri għall-protezzjoni tal-persuni kkonċernati**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konformità mal-Karta, li l-persuni kkonċernati jgawdu bis-sħiħ id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, kif ukoll il-preżunzjoni tal-innoċenza u d-drittijiet ta' difiża, inkluż id-dritt għal smigħ u d-dritt ta' aċċess għall-fajl tagħhom.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw, f'konformità mal-liġi nazzjonali, li l-identità tal-persuni kkonċernati tkun protetta sakemm investigazzjonijiet li jkunu nbdew bħala riżultat tar-rapport jew l-iżvelar pubbliku ikunu għaddejjin.

3. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 12, 17 u 18 fir-rigward tal-protezzjoni tal-identità tal-persuni li jirrapportaw għandhom japplikaw ukoll għall-protezzjoni tal-persuni kkonċernati.

*Artikolu 23*

**Pieni**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi applikabbli għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li:

(a) itellfu jew jippruvaw itellfu r-rapportar;

(b) jirritaljaw kontra l-persuni msemmija fl-Artikolu 4;

(c) iressqu proċedimenti vessatorji kontra l-persuni msemmija fl-Artikolu 4;

(d) jiksru d-dmir li jippreservaw il-kunfidenzjalità tal-identità tal-persuni li jirrapportaw, kif imsemmi fl-Artikolu 16.

2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi applikabbli fir-rigward ta' persuni li jirrapportaw fejn ikun stabbilit li konxjament irrapportaw jew żvelaw pubblikament informazzjoni falza. L-Istati Membri għandhom jipprevedu wkoll miżuri għall-kumpens ta' dannu li jirriżulta minn tali rapportar jew żvelar pubbliku f'konformità mal-liġi nazzjonali.

*Artikolu 24*

**Ebda Eżenzjoni ta' drittijiet u rimedji**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet u r-rimedji previsti f'din id-Direttiva ma jkunux jistgħu jiġu eżentati jew limitati b'ebda ftehim, politika, forma jew kondizzjoni ta' impjieg, inkluż ftehim ta' arbitraġġ ta' qabel tilwima.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 25*

**Trattament aktar favorevoli u klawżola ta' nonregressjoni**

1. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli għad-drittijiet ta' persuni li jirrapportaw minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22 u l-Artikolu 23(2).

2. L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandha, fl-ebda ċirkostanza, tikkostitwixxi raġunijiet għal tnaqqis fil-livell ta' protezzjoni diġà mogħtija mill-Istati Membri fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

*Artikolu 26*

**Traspożizzjoni u perijodu tranżizzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sas-17 ta' Diċembru 2021.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, fir-rigward tal-entitajiet ġuridiċi fis-settur privat b' 50 sa 249 ħaddiem, l-Istati Membri għandhom sas-17 ta' Diċembru 2023 idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-obbligu li jiġu stabbiliti kanali ta' rapportar interni taħt l-Artikolu 8(3).

3. Meta l-Istati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkumpanjati b'tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif għandha ssir dik ir-referenza. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

*Artikolu 27*

**Rapportar, evalwazzjoni u rieżami**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il- Kummissjoni għandha, sas-17 ta' Diċembru 2023, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' rapportar stipulati f'atti legali tal-Unjoni oħrajn, kull sena l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-istatistiċi li ġejjin dwar ir-rapporti msemmija fil-Kapitolu III lill-Kummissjoni, preferibbilment f'forma aggregata, jekk dawn ikunu disponibbli fil-livell ċentrali fl-Istat Membru kkonċernat:

(a) in-numru ta' rapporti li rċevew l-awtoritajiet kompetenti;

(b) in-numru ta' investigazzjonijiet u proċedimenti mibdija b'riżultat ta' tali rapporti u r-riżultat tagħhom; u

(c) jekk aċċertata, il-ħsara finanzjarja stmata, u l-ammonti rkuprati wara investigazzjonijiet u kawżi, relatati mal-ksur irrapportat.

3. Il-Kummissjoni għandha, sas-17 ta' Diċembru 2025, b'kont meħud tar-rapport tagħha ppreżentat skont il-paragrafu 1 u l-istatistiċi tal-Istati Membri ppreżentati skont il-paragrafu 2, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-impatt tal-liġi nazzjonali li tittrasponi lil din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jevalwa l-mod kif ħadmet din id-Direttiva u jikkunsidra l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali, inkluż, fejn xieraq, emendi bil-ħsieb li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal aktar atti tal-Unjoni jew oqsma, b'mod partikolari t-titjib tal-ambjent tax-xogħol biex jitħarsu l-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza u tax-xogħol tal-ħaddiema.

Minbarra l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, ir-rapport għandu jevalwa kif l-Istati Membri għamlu użu mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti bħala parti mill-obbligi tagħhom biex jagħtu segwitu għar-rapporti dwar ksur li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u b'mod aktar ġenerali kif jikkooperaw f'każijiet ta' ksur b'dimensjoni transfruntiera.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rapporti msemmija fil-paragrafi 1 u 3 pubbliċi u faċilment aċċessibbli.

*Artikolu 28*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 29*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, it-23 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
D. M. SASSOLI

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
T. TUPPURAINEN

*ANNESS*

**Parti I**

A. Il-punt (a)(i) tal-Artikolu 2(1) – akkwist pubbliku:

1. Regoli ta' proċedura għall-akkwist pubbliku u l-għoti ta' konċessjonijiet, għall-għoti ta' kuntratti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u għall-għoti ta' kuntratti minn entitajiet li joperaw fl-oqsma tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali u kwalunkwe kuntratt ieħor, kif stipulat fi:

   (i) id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1);

   (ii) id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65);

   (iii) id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243);

   (iv) id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti tax-xogħol, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà u li temenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

2. Proċeduri ta' reviżjoni rregolati bi:

   (i) id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14);

   (ii) id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33).

B. Il-punt (a)(ii) tal-Artikolu 2(1) – servizzi finanzjarji, prodotti u swieq u, il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu:

Regoli li jistabbilixxu qafas regolatorju u superviżorju u protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur fis-swieq tas-servizzi finanzjarji u kapitali tal-Unjoni, l-ibbankjar, il-kreditu, l-investiment, l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, il-prodotti ta' pensjonijiet okkupazzjonali jew personali, it-titoli, il-fondi ta' investiment, is-servizzi ta' pagament u l-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338), kif stipulat fi:

   (i) id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7);

   (ii) id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1);

   (iii) ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1);

   (iv) ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital ta' riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1);

(v) ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18);

(vi) id-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 34);

(vii) ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77);

(viii) ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84);

(ix) id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35);

(x) id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' xiri (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 12);

(xi) id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet tal-azzjonisti ta' kumpanniji kkwotati (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 17);

(xii) id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38);

(xiii) ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1);

(xiv) ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1);

(xv) id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1);

(xvi) id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190);

(xvii) id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta'l-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1);

(xviii) id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149);

(xix) id-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22);

(xx) ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1);

C. Il-punt (a)(iii) tal-Artikolu 2(1) – is-sikurezza u l-konformità tal-prodotti:

1. Rekwiżiti dwar is-sikurezza u l-konformità għall-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni, kif definit u rregolat bi:

(i) id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4);

(ii) leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni li tikkonċerna prodotti manifatturati, inkluż ir-rekwiżiti tat-tikkettar, għajr ikel, għalf, prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju, pjanti ħajjin u annimali, prodotti ta’ oriġini umana u prodotti ta’ pjanti u annimali relatati direttament mar-riproduzzjoni futura tagħhom kif elenkati fl-Annessi I u II għar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1);

(iii) id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta’ vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

2. Regoli dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta’ prodotti sensittivi u perikolużi, kif stipulat fi:

(i) id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta’ prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1);

(ii) id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta’ Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta’ armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51);

(iii) ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta’ prekursuri tal-isplussivi (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 1).

D. Il-punt (a)(iv) tal-Artikolu 2(1) – is-sikurezza tat-trasport:

1. Rekwiżiti tas-sikurezza fis-settur ferrovjarju, kif irregolati bid-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

2. Rekwiżiti tas-sikurezza fis-settur tal-avjazzjoni ċivili, kif irregolati bir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta’ aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35).

3. Rekwiżiti tas-sikurezza fis-settur tat-toroq, kif irregolati bi:

(i) id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59);

(ii) id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39);

(iii) ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta’ operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

4. Rekwiżiti tas-sikurezza fis-settur tat-toroq, kif irregolati bi:

(i) ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11);

(ii) ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta’ trasportaturi ta’ passiġġieri bil-baħar fil-każ ta’ aċċidenti (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 24);

(iii) id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146);

(iv) id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 114);

(v) id-Direttiva 2008/106/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara (ĠU L 323, 3.12.2008, p. 33);

(vi) id-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità (ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35);

(vii) id-Direttiva 2001/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi l-ħtiġiet u l-proċeduri armonizzati għat-tagħbija u l-ħatt b'sigurtà ta' bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa (ĠU L 13, 16.1.2002, p. 9).

5. Rekwiżiti ta' sikurezza, kif irregolati mid-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

E. Il-punt (a)(v) tal-Artikolu 2(1) – il-protezzjoni tal-ambjent:

1. Kull reat kriminali kontra l-protezzjoni tal-ambjent kif irregolata bid-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28) jew kull imġiba illegali li tikser il-leġislazzjoni stabbilita fl-Annessi għad-Direttiva 2008/99/KE;

2. Regoli dwar l-ambjent u l-klima, kif stipulat fi:

(i) id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32);

(ii) id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16);

(iii) id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1);

(iv) ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13);

(v) id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

3. Regoli dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-immaniġġjar tal-iskart, kif stipulat fi:

(i) id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3);

(ii) ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1);

(iii) ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

4. Regoli dwar it-tniġġis tal-baħar, dak tal-arja u dak akustiku, kif stipulat fi:

(i) id-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibbiltà ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-fjuwil u emissjonijiet tas-$CO_2$ rigward il marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda (ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16);

(ii) id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22);

(iii) id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwarda l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12);

(iv) ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti tal-organotin fuq il-bastimenti (ĠU L 115, 9.5.2003, p. 1);

(v) id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56);

(vi) id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11);

(vii) ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1);

(viii) id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5);

(ix) ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1);

(x) ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1);

(xi) id-Direttiva 2009/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar il-Fażi II tal-irkupru tal-fwar tal-petrol waqt ir-riforniment bil-karburant tal-vetturi bil-mutur fl-istazzjonijiet ta' servizz (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 36);

(xii) ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1);

(xiii) id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1);

(xiv) ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55);

(xv) id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji (ĠU L 313, 28.11.2015, p. 1).

5. Regoli dwar il-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ilma u l-ħamrija, kif stipulat fi:

(i) id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27);

(ii) id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84);

(iii) id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

6. Regoli relatati mal-protezzjoni tan-natura u l-bijodiversità, kif stipulat fi:

(i) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001 tas-27 ta' Settembru 2001 li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll applikabbli għas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna (ĠU L 263, 3.10.2001, p. 1);

(ii) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 tas-26 ta' April 2004 li jippreskrivi miżuri li jikkonċernaw qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded (żoni) tas-sajd u jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/98 (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 12);

(iii) ir-Regolament (KE) Nru 1007/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki (ĠU L 286, 31.10.2009, p. 36);

(iv) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 734/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-protezzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli f'ibħra internazzjonali mill-impatti ħżiena tal-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ (ĠU L 201, 30.7.2008, p. 8);

(v) id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7);

(vi) ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23);

(vii) ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

7. Regoli dwar sustanzi kimiċi, kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta ' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

8. Regoli relatati ma prodotti organiċi, kif stipulat fir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

F. Il-punt (a)(vi) tal-Artikolu 2(1) – protezzjoni mir-radjazzjoni u sikurezza nukleari

Regoli dwar is-sikurezza nukleari, kif stipulat fi:

(i) id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18);

(ii) id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12);

(iii) id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1);

(iv) id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48);

(v) id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom tal-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit (ĠU L 337, 5.12.2006, p. 21);

(vi) ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2016/52 tal-15 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 u r-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 u (Euratom) Nru 770/90 (ĠU L 13, 20.1.2016, p. 2);

(vii) ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1493/93 tat-8 ta' Ġunju 1993 dwar kunsinni ta' sustanzi radjoattivi bejn l-Istati Membri (ĠU L 148, 19.6.1993, p. 1).

G. Il-punt (a)(vii) tal-Artikolu 2(1) — is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa u l-benessri tal-annimali:

1. Il-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel u l-għalf irregolata mill-prinċipji u r-rekwiżiti ġenerali kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

2. Is-saħħa tal-annimali, kif irregolata minn:

(i) ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1);

(ii) ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

3. ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

4. Regoli u standards dwar il-protezzjoni u l-benesseri tal-annimali, kif stipulat fi:

(i) id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23);

(ii) ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1);

(iii) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1);

(iv) id-Direttiva tal-Kunsill 1999/22/KE tad-29 ta' Marzu 1999 dwar iż-żamma ta' annimali selvaġġi fiż-żoo (ĠU L 94, 9.4.1999, p. 24);

(v) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

H. Il-punt (a)(viii) tal-Artikolu 2(1) – is-saħħa pubblika:

1. Miżuri li jistabbilixxu standards għolja ta' kwalità u sikurezza ta' organi u sustanzi ta' oriġini umana, kif irregolati bi:

(i) id-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi livelli stabbiliti ta' kwalità u sigurtà għall-ġbir, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' demm tal-bniedem u komponenti tad-demm u li temenda d-Direttiva 2001/83/KE (ĠU L 33, 8.2.2003, p. 30);

(ii) id-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sikurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, preservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem (ĠU L 102, 7.4.2004, p. 48);

(iii) id-Direttiva 2010/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-istandards tal-kwalità u s-sigurezza ta' organi umani maħsuba għal trapjanti (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 14).

2. Miżuri li jistabbilixxu standards għolja ta' kwalità u sikurezza għall-prodotti mediċinali u t-tagħmir għall-użu mediku, kif irregolati bi:

(i) ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1);

(ii) id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67);

(iii) ir-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43);

(iv) ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1);

(v) ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1);

(vi) ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121);

(vii) ir-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 1).

3. Id-drittijiet tal-pazjenti, kif irregolati mid-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).

4. Il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ ta' tabakk u prodotti relatati, kif irregolati bid-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1).

I. Il-punt (a)(ix) tal-Artikolu 2(1) – il-protezzjoni tal-konsumatur:

Id-drittijiet tal-konsumatur u l-protezzjoni tal-konsumatur, kif irregolati bi:

(i) id-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur fl-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti offruti lill-konsumaturi (ĠU L 80, 18.3.1998, p. 27);

(ii) id-Direttiva (UE) 2019/770 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 1);

(iii) id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28);

(iv) id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU L 171, 7.7.1999, p. 12);

(v) id-Direttiva 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq b'distanza ta' servizzi finanzjarji ta' konsumaturi u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/619/KEE u d-Direttivi 97/7/KE u 98/27/KE (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 16);

(vi) id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22);

(vii) id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66);

(viii) id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64);

(ix) id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214).

J. Il-punt (a)(x) tal-Artikolu 2(1) – il-protezzjoni tal-privatezza u d-data personali, u s-sigurtà tan-networks u tas-sistemi ta' informazzjoni:

(i) id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37);

(ii) ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1);

(iii) id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

**Parti II**

L-Artikolu 3(1) jirreferi għal-leġislazzjoni tal-Unjoni segwenti:

A. Il-punt (a)(ii) tal-Artikolu 2(1) – servizzi finanzjarji, prodotti u s-swieq, u prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu:

1. Servizzi finanzjarji:

(i) id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi tal-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32);

(ii) id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37);

(iii) id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87);

(iv) ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1);

(v) id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338);

(vi) id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349);

(vii) ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar it-titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1);

(viii) ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) (ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1);

(ix) ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1);

(x) id-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19);

(xi) ir-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE (ĠU L 168, 30.6.2017, p. 12).

2. Prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu:

(i) id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73);

(ii) ir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1).

B. Il-punt (a)(iv) tal-Artikolu 2(1) – is-sikurezza tat-trasport:

(i) ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18);

(ii) id-Direttiva 2013/54/UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Novembru 2013, dwar ċerti responsabbiltajiet tal-Istat tal-Bandiera għal konformità mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (ĠU L 329, 10.12.2013, p. 1);

(iii) id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

C. Il-punt (a)(v) tal-Artikolu 2(1) – il-protezzjoni tal-ambjent:

(i) id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66).